ISSN 1977-074X

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 2

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 57

7 ta' Jannar 2014

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 4/2014 tas-6 ta' Jannar 2014 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 640/2009 li jimplimenta d-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti ta' ekodiżinn għal muturi tal-elettriku** ([1]) 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 5/2014 tas-6 ta' Jannar 2014 li jemenda d-Direttiva 2008/38/KE li tistabbilixxi lista ta' użu intiż tal-materjali tal-għalf għall-annimali għal skopijiet partikolari nutrizzjonali** ([1]) 3

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 6/2014 tas-6 ta' Jannar 2014 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 10

LINJI GWIDA

2014/2/UE:

★ **Linja gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-25 ta' Lulju 2013 dwar l-istatistika tal-finanzi tal-gvern *(BĊE/2013/23)*** 12

2014/3/UE:

★ **Linja gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-25 ta' Lulju 2013 dwar ir-rekwiżiti ta' rapportar tal-istatistika tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-kontijiet finanzjarji trimestrali *(BĊE/2013/24)*** 34

Prezz: EUR 4

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 4/2014

tas-6 ta' Jannar 2014

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 640/2009 li jimplimenta d-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti ta' ekodiżinn għal muturi tal-elettriku

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 15(1) tagħha,

Wara li kkonsultat il-Forum ta' Konsultazzjoni dwar l-Ekodisinn,

Billi:

(1) L-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 640/2009 [2] uriet il-ħtieġa ta' emendi f'ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 640/2009 biex jiġu evitati l-impatti mhux intenzjonati fuq is-suq tal-muturi u fuq il-prestazzjoni tal-prodotti koperti b'dak ir-Regolament.

(2) Żviluppi reċenti fis-suq tal-muturi tal-elettriku wasslu għal bidliet fil-valuri ta' limitu applikati lill-altitudni, għat-temperaturi massimi u minimi tal-arja ambjentali u t-temperaturi tal-likwidu li jberred l-ilma applikati sabiex mutur jiġi jitqies li jaħdem taħt kundizzjonijiet estremi u allura hemm il-ħtieġa ta' diżinn. Dawn l-iżviluppi jeħtieġ li jiġu riflessi fir-Regolament.

(3) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2009/125/KE,

(1) ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10.
(2) ĠU L 191, 23.7.2009, p. 26.

ADOTTAT IR-REGOLAMENT LI ĠEJ:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament (KE) Nru 640/2009

Ir-Regolament (KE) Nru 640/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' ekodiżinn għat-tqegħid fis-suq u għall-użu ta' muturi, inkluż dawk li huma integrati f'prodotti oħra.

2. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal:

(a) muturi speċifikati biex joperaw waqt li jkunu kompletament mgħaddsa f'likwidu;

(b) muturi kompletament integrati fi prodott (pereżempju tagħmir, pompa, fann jew kompressur) fejn il-prestazzjoni tal-enerġija tagħhom ma tistax tiġi ttestjata indipendentement mill-prodott;

(c) muturi speċifikati sabiex joperaw esklussivament:

(i) f'altitudnijiet ta' iktar minn 4 000 metru 'il fuq millivell tal-baħar;

(ii) fejn it-temperaturi tal-arja ambjentali huma ta' iktar minn 60 °C;

(iii) f'temperatura massima waqt il-ħidma ta' iktar minn 400 °C;

(iv) fejn it-temperaturi tal-arja ambjentali huma inqas minn – 30 °C għal kwalunkwe mutur jew inqas minn 0 °C għal mutur bit-tkessiħ tal-ilma;

(v) fejn it-temperatura tal-ilma tat-tkessiħ fil-bokka tal-prodott, hija ta' inqas minn 0 °C jew ta' iktar minn 32 °C; jew

(vi) f'atmosferi potenzjalment esplożivi kif definiti fid-Direttiva 94/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

(d) muturi tal-brejkijiet;

barra fejn għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti ta' informazzjoni fl-Anness I, il-Punti 2(3) sa (6) u (12).

(*) ĠU L 100, 19.4.1994, p. 1."

(2) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 640/2009 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu jiġi applikat sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Jannar 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

Emendi tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 640/2009

Fl-Anness I, il-Punt 2, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej wara t-tielet subparagrafu:

"Fejn id-daqs tal-plakka tal-klassifikazzjoni jagħmilha impossibbli li tintwera l-informazzjoni kollha msemmija fil-punt 1, (η) għandha jintwera biss l-effiċjenza nominali tat-tagħbija massima u l-vultaġġ (U_N).".

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 5/2014

tas-6 ta' Jannar 2014

li jemenda d-Direttiva 2008/38/KE li tistabbilixxi lista ta' użu intiż tal-materjali tal-għalf għall-annimali għal skopijiet partikolari nutrizzjonali

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 80/511/KEE, id-Direttivi tal-Kunsill 82/471/KEE, 83/228/KEE, 93/74/KEE, 93/113/KE u 96/25/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/217/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(5) tiegħu,

Billi:

(1) B'konformità mal-Artikolu 32(2) tar-Regolament (KE) Nru 767/2009, qabel l-1 ta' Settembru 2010 tressqu quddiem il-Kummissjoni bosta applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni għall-aġġornament tal-lista ta' użi maħsubin, kif imsemmi fl-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament.

(2) Xi wħud minn dawk l-applikazzjonijiet jikkonċernaw tibdil tal-kundizzjonijiet marbutin mal-għanijiet nutrittivi partikolari "Restawr nutrizzjonali, konvalexxenza" fejn jikkonċerna l-klieb, u "Stabilizzazzjoni ta' diġestjoni fiżjoloġika" rigward għalf li jista' jkun fih l-adittivi b'konċentrazzjonijiet ogħla daqs 100 darba mill-kontenut massimu rilevanti stabbilit fl-għalf komplet, kif imsemmi fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 767/2009. L-applikazzjonijiet l-oħra jikkonċernaw għanijiet nutrittivi partikolari ġodda rigward ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 767/2009.

(3) Barra minn hekk, b'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 767/2009, il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni biex jiżdied l-għan nutrittiv partikolari "Tnaqqis ta' livelli ta' jodju fl-għalf fil-każ ta' ipertirojdiżmu" fir-rigward tal-qtates.

(4) Mod speċifiku ta' tmigħ huwa l-amministrazzjoni ta' bolus. Biex ikun garantit użu xieraq u sikur ta' bolus bħala għalf għal għanijiet nutrittivi partikolari, għandhom jiġu stabbiliti rekwiżiti ġenerali għall-kundizzjonijiet marbutin ma' ċerti użi maħsubin.

(5) Il-Kummissjoni poġġiet l-applikazzjonijiet kollha, inklużi d-dossiers, għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri.

(6) Id-dossiers inklużi fl-applikazzjonijiet juru li l-kompożizzjoni tat-tipi diversi tal-għalf jissodisfaw l-għanijiet nutrittivi partikolari maħsuba rilevanti. "Restawr nutrizzjonali, konvalexxenza" fejn jikkonċerna l-klieb, u "Stabilizzazzjoni ta' diġestjoni fiżjoloġika" "Tnaqqis ta' livelli ta' jodju fl-għalf fil-każ ta' ipertirojdiżmu" fir-rigward tal-qtates, "Sostenn tat-tħejjija għal, u l-irkupru minn eżerċizju ta' sforz sportiv" għall-*equidae*, "Kumpens għan-nuqqas ta' ħadid wara t-twelid" fir-rigward tal-ħnienes mhux miftuma u l-għoġġiela, "Sostenn tar-riġenerazzjoni ta' qwieqeb, saqajn u ġilda" fir-rigward ta' żwiemel, ruminanti u qżieqes, "Sostenn għat-tħejjija għall-estru u r-riproduzzjoni" fir-rigward ta' mammiferi u għasafar u "L-għotja tul żmien twil ta' mikronutrijenti u/jew vitamini lil annimali li jirgħu" fir-rigward tar-ruminanti b'kirxa funzjonali.

(7) Barra minn hekk, l-evalwazzjoni wriet li t-tipi ta' għalf ikkonċernati ma għandhomx effetti ħżiena fuq is-saħħa tal-annimali u tal-bnedmin, fuq l-ambjent u fuq il-benessri tal-annimali. L-evalwazzjoni tad-dossiers kienet tinkludi verifika li l-karatterizzazzjoni livell għoli ta' ċertu addittiv tal-għalf timplika livell importanti tal-addittiv rispettiv li javviċina l-kontenut massimu stabbilit rilevanti fl-għalf komplet, iżda li ma jaqbiżx lil dan il-livell.

(8) Għaldaqstant, l-applikazzjonijiet huma validi u l-għanijiet partikolari nutrittivi għandhom jinżiedu mal-lista tal-użi maħsubin, u l-kundizzjonijiet marbutin mal-għanijiet nutrittivi partikolari "Restawr nutrizzjonali, konvalexxenza" u "Stabilizzazzjoni ta' diġestjoni fiżjoloġika" għandhom jinbidlu.

(9) Għalhekk, id-Direttiva 2008/38/KE għandha tiġi emendata skont dan.

([1]) ĠU L 229, 1.9.2009, p. 1.

(10) Peress li r-raġunijiet ta' sikurezza ma jitolbux l-applikazzjoni immedjata tal-modifiki għall-għalf li attwalment qed jitqiegħed fis-suq b'mod legali, huwa xieraq li l-partijiet interessati jingħataw perjodu tranżitorju biex jippreparaw ruħhom biex jilħqu r-rekwiżiti l-ġodda.

(11) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Direttiva 2008/38/KE huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-għalf inkluż fl-Anness ta' dan ir-Regolament u msemmi fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 767/2009 li kien diġà tqiegħed fis-suq b'mod legali qabel l-1 ta' Settembru 2010 u li ġie prodott u ttikkettat qabel is-27 ta' Lulju 2014 jista' jibqa' jitqiegħed fis-suq u użat sakemm jintużaw l-istokkijiet kollha li fadal. Jekk dan l-għalf ikun maħsub għall-annimali ta' kumpanija (pets), id-data msemmija fl-aħħar sentenza hija is-27 ta' Jannar 2016.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Jannar 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS

L-Anness I tad-Direttiva 2008/38/KE huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-Parti A, jiżdied il-punt li ġej:

“10. Meta għalf li jkun maħsub għal għanijiet nutrittivi partikolari jitqiegħed fis-suq fil-forma ta’ bolus, billi dan huwa għalf, jew għalf supplimentari, maħsub biex jingħata b’mod orali permezz ta’ tmigħ sfurzat, it-tikketta ta’ dan l-għalf għandha, fejn hu applikabbli, tagħti l-perjodu massimu tar-rilaxx kontinwu mill-bolus u r-rata tar-rilaxx ta’ kuljum għal kull addittiv li għalih ikun stabbilit kontenut massimu fl-għalf komplet. Fuq talba tal-awtorità kompetenti, l-operatur tan-negozju tal-għalf li jqiegħed bolus fis-suq għandu jagħti prova li l-livell tal-addittiv disponibbli fil-kanal tal-ikel kuljum ma jaqbiżx, jekk applikabbli, il-kontenut massimu tal-addittiv stabbilit għal kull kilogramma ta’ għalf komplet matul il-perjodu kollu tat-tmigħ (effett ta’ rilaxx bil-mod). Huwa rrakkomandat li l-għalf fil-forma ta’ bolus jiġi amministrat minn veterinarju jew minn persuna kompetenti oħra.”

(2) Il-Parti B tiġi emendata kif ġej:

Għan nutrittiv partikolari	Karatteristiċi nutrittivi essenzjali	Speċi jew kategorija tal-annimal	Dikjarazzjonijiet tal-ittikkettar	Tul tal-użu rakkomandat	Dispożizzjonijiet oħra

(a) Ir-ringiela li ġejja tiddaħħal bejn ir-ringiela tal-għan nutrittiv partikolari “Regolazzjoni tal-metaboliżmu lipidu fil-każ ta’ iperlipidimija” u r-ringiela tal-għan nutrittiv partikolari “Tnaqqis ta’ ram fil-fwied”:

“Tnaqqis ta’ livelli ta’ jodju fl-għalf fil-każ ta’ ipertirojdiżmu	Livell ristrett ta’ jodju: massimu 0,26 mg/kg ta’ għalf tal-annimali ta’ kumpanija komplet b’kontenut ta’ 12 % ndewwa.	Qtates	Total tal-jodju	Inizjalment mhux aktar minn 3 xhur	Indika fuq it-tikketta: ’Huwa rakkomandat li jinkiseb parir mingħand veterinarju qabel l-użu u qabel ma jittawwal il-perjodu tal-użu.”

(b) Ir-ringiela tal-għan nutrittiv partikolari “Restawr nutrizzjonali, konvalexxenza” speċi jew kategorija ta’ annimali: “klieb u qtates”, huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Restawr nutrizzjonali, konvalexxenza (*)	Densità kbira ta’ enerġija, konċentrazzjonijiet għolja ta’ nutrijenti essenzjali u ingredjenti faċilment diġeribbli	Klieb u qtates	— Ingredjenti faċilment diġeribbli, inkluż it-trattament tagħhom jekk rilevanti — Valur tal-enerġija — Kontenut ta’ aċidi grassi n-3 u n-6 (jekk dawn huma miżjuda)	Sakemm jintlaħaq ir-restawr	Fil-każ ta’ għalf maħsub biex jingħata permezz ta’ tubi, dan li ġej għandu jkun indikat fuq it-tikketta: ‘Amministrazzjoni taħt superviżjoni veterinarja.’
	Enterococcus faecium DSM 10663 / NCIMB 10415 (E1707) L-għalf supplimentari jista’ jkun fih addittivi tal-grupp funzjonali ‘stabbilizzanti tal-batterji tal-musrana’ b’konċentrazzjoni ogħla minn 100 darba daqs il-kontenut massimu rilevanti stabbilit għall-għalf komplet.	Klieb	Isem l-istabbilizzant tal-batterji tal-musrana u l-ammont miżjud	Bejn 10 ijiem sa 15	— L-istruzzjonijiet għall-użu tal-għalf għandhom jiżguraw li l-kontenut massimu legali tal-istabbilizzant tal-batterji tal-musrana għall-għalf komplet jiġi rispettat. — Indika fuq it-tikketta: ‘Huwa rakkomandat li jinkiseb parir mingħand veterinarju qabel l-użu u qabel ma jittawwal il-perjodu tal-użu.’

(*) Il-manifattur jista jikkompleta l-għan nutrittiv partikolari b’referenza għal-“Lipidosi hepatika fellina”.”

(c) Ir-ringiela tal-għan nutrittiv partikolari “Stabbilizzazzjoni tad-diġestjoni fiżjoloġika” hija sostitwita b’dan li ġej:

“Stabilizzazzjoni tad-diġestjoni fiżjoloġika	Kapaċità ta’ tmewwit baxxa, u ingredjenti faċilment diġeribbli	Ħnienes	— Ingredjenti faċilment diġeribbli, dan jinkludi t-trattament tagħhom, jekk rilevanti — Kapaċità ta’ tmewwit — Sors(i) ta’ sustanzi astrinġenti (jekk miżjuda) — Sors(i) ta’ sustanzi muċillaġini (jekk miżjuda)	Ġimagħtejn sa 4 ġimgħat	Indika fuq it-tikketta: ‘Fil-każ ta’ riskju ta’ disturbi diġestivi, matul il-perjodi ta’ disturbi diġestivi, jew waqt l-irkuprar minn disturbi diġestivi.’
	Ingredjenti faċilment diġeribbli	Qżieqeż	— Ingredjenti faċilment diġeribbli, dan jinkludi t-trattament tagħhom, jekk rilevanti — Sors(i) ta’ sustanzi astrinġenti (jekk miżjuda) — Sors(i) ta’ sustanzi muċillaġini (jekk miżjuda)		
	L-addittivi tal-għalf tat-tip ‘Stabbilizzanti tal-batterji tal-musrana’ tal-kategorija ‘addittivi żootekniċi’ kif imsemmija fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003. L-għalf supplimentari jista’ jkun fih addittivi tal-grupp funzjonali ‘stabbilizzanti tal-batterji tal-musrana’ b’konċentrazzjoni ogħla minn 100 darba daqs il-kontenut massimu rilevanti stabbilit għall-għalf komplet.	L-ispeċi ta’ annimal li għalih huwa awtorizzat l-istabbilizzant tal-batterji tal-musrana	Isem l-istabbilizzant tal-batterji tal-musrana u l-ammont miżjud	Sa 4 ġimgħat	Indika fuq it-tikketta tal-għalf: (1) ‘Fil-każ ta’ riskju ta’ disturbi diġestivi, matul il-perjodi ta’ disturbi diġestivi, jew waqt l-irkuprar minn disturbi diġestivi.’ (2) Jekk applikabbli: ‘L-għalf fih stabbilizzant tal-batterji tal-musrana b’konċentrazzjoni ogħla minn 100 darba tal-kontenut massimu awtorizzat għall-għalf komplet.’ L-istruzzjonijiet għall-użu tal-għalf għandhom jiżguraw li l-kontenut massimu legali tal-istabbilizzant tal-batterji tal-musrana għall-għalf komplet jiġi rispettat.”

(d) Ir-ringieli li ġejjin jiddaħħlu bejn ir-ringiela tal-għan nutrittiv partikolari “Tnaqqis tar-riskju tal-aċidożi” u r-ringiela tal-għan nutrittiv partikolari “Stabilizzazzjoni tal-bilanċ tal-ilma u l-elettroliti”:

“L-għotja tul żmien twil ta’ mikronutrijenti u/jew vitamini lil annimali li jirgħu	Livell għoli ta’ — Mikronutrijenti u/jew	Ruminanti b’kirxa funzjonali	— L-ismijiet u l-ammonti totali miżjuda ta’ kull mikronutrijent, vitamina, provitamina u sustanza ddefinita kimikament li għandhom effetti simili.	Sa 12-il xahar	— Hija permessa l-applikazzjoni fil-forma ta’ bolus. Bolus jista’ jkun fih sa 20 % ħadid f’forma inerti, mhux bijodisponibli, biex tiżdied id-densità tiegħu.

	— vitamini, provitamini u sustanzi ddefiniti sew kimikament li għandhom effetti simili. L-għalf supplimentari jista' jkun fih addittivi b'konċentrazzjoni ogħla minn 100 darba daqs il-kontenut massimu rilevanti stabbilit għall-għalf komplet.		— Ir-rata ta' rilaxx kuljum ta' kull mikronutrijent u/jew vitamina jekk jintuża bolus; — Il-perjodu massimu tar-rilaxx kontinwu tal-mikronutrijent jew tal-vitamina jekk jintuża bolus.		— Indika fuq it-tikketta tal-għalf: '— Is-supplimentazzjoni simultanja ta' addittivi b'kontenut massimu minn sorsi differenti minn ta' dawk fil-bolus, jekk applikabbli, għandha tiġi evitata. — Qabel l-użu, huwa rakkomandat li jintalab parir mingħand veterinarju jew dietologu dwar: (1) il-bilanċ tal-mikronutrijenti fil-porzjon ta' kuljum; (2) l-istatus tal-mikronutrijenti tal-merħla — Il-bolus fih x % ħadid inerti biex tiżdied id-densità tiegħu, jekk applikabbli.'
Kumpens għal nuqqas ta' ħadid disponibbli wara t-twelid	Livelli għoljin ta' komposti tal-ħadid awtorizzati skont il-grupp funzjonali 'komposti ta' mikronutrijenti' tal-kategorija 'addittivi nutrittivi' kif imsemmija fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003. L-għalf supplimentari jista' jkun fih il-ħadid b'konċentrazzjoni ogħla minn 100 darba daqs il-kontenut massimu rilevanti stabbilit għall-għalf komplet.	Ħnienes mhux miftuma u għoġġiela	Kontenut totali ta' ħadid	Wara t-twelid sa 3 ġimgħat	L-istruzzjonijiet għall-użu tal-għalf għandhom jiżguraw li l-kontenut massimu legali tal-ħadid għall-għalf komplet jiġi rispettat.
Sostenn tar-riġenerazzjoni ta' qwieqeb, saqajn u ġilda	Livell għoli ta' żingu. L-għalf supplimentari jista' jkun fih iż-żingu b'konċentrazzjoni ogħla minn 100 darba daqs il-kontenut massimu rilevanti stabbilit għall-għalf komplet.	Żwiemel, ruminanti u qżieqeż	L-ammont totali ta' — żingu — metjonina	Sa 8 ġimgħat	L-istruzzjonijiet għall-użu tal-għalf għandhom jiżguraw li l-kontenut massimu legali taż-żingu għall-għalf komplet jiġi rispettat.

Sostenn għat-tħejjija għall-estru u r-riproduzzjoni	— Livell għoli ta’-selenju u kontenut minimu ta’ vitamina E f’kull kg ta’ għalf komplet b’kontenut ta’ ndewwa ta’ 12 %, għall-qżieqeż, kontenut ta’ 53 mg, għall-fniek, 35 mg, għall-klieb, il-qtates, il-mink, ta’ 88 mg; kontenut minimu ta’ vitamina E kuljum għal kull annimal, għall-ovini 100 mg, għall-bovini 300 mg u għaż-żwiemel 1 100 mg jew — Livell(i) għoli/għoljin ta’vitamina A u/jew vitamina D u/jew kontenut minimu ta’ beta karotin ta’ 300 mg kuljum għal kull annimal L-għalf supplimentari jista’ jkun fih is-selenju, u l-vitamini A u D b’konċentrazzjoni ogħla minn 100 darba daqs il-kontenut massimu rilevanti stabbilit għall-għalf komplet.	Mammiferi	L-ismijiet u l-ammonti totali ta’ kull mikronutrijent u vitamina miżjuda.	— Baqar: ħmistax qabel tmiem il-ġestazzjoni sa meta tiġi kkonfermata ġestazzjoni oħra. — Ħnieżer nisa: minn 7 ijiem qabel ma jwelldu sa 3 ijiem wara u minn 7 ijiem qabel it-tgħammir sa 3 ijiem wara. — Mammiferi nisa oħrajn: mill-aħħar ftit tal-ġestazzjoni sa meta tiġi kkonfermata ġestazzjoni oħra. — Irġiel: waqt perjodi ta’ attività riproduttiva	— L-istruzzjonijiet għall-użu tal-għalf għandhom jiżguraw li l-kontenut massimu legali għall-għalf komplet jiġi rispettat. — Indika fuq it-tikketta tal-għalf: ’Gwida għas-sitwazzjonijiet li fihom l-użu tal-għalf huwa rilevanti.”
	— Livell(i) għoli/għoljin tavitamina A u/jew vitamina D jew — Livell(i) għoli/għoljin ta’ selenju u/jew żingu u/jewkontenut minimu 44 mg/kg ta’ vitamina E fl-għalf komplet b’kontenut ta’ ndewwa ta’ 12 %. L-għalf supplimentari jista’ jkun fih is-selenju, iż-żingu u l-vitamini A u D b’konċentrazzjoni ogħla minn 100 darba daqs il-kontenut massimu rilevanti stabbilit għall-għalf komplet.	Għasafar	L-ismijiet u l-ammonti totali ta’ kull mikronutrijent u vitamina miżjuda.	— Għan-nisa: waqt l-estru — Għall-irġiel: waqt perjodi ta’ attività riproduttiva	

(e) Ir-ringiela li ġejja tiddaħħal bejn ir-ringiela tal-għan nutrittiv partikolari “Kumpens għat-telf tal-elettrolite fil-każi ta’ għaraq żejjed” u r-ringiela tal-għan nutrittiv partikolari “Restawr nutrizzjonali, konvalexxenza”, l-ispeċi jew il-kategorija tal-annimali: “L-annimali *equidae*”:

“Sostenn tat-tħejjija għal, u l-irkupru minn eżerċizju ta’ sforz sportiv	Livell għoli ta’ selenju u kontenut minimu ta’ 50mg ta’ vitamina E f’kull kg ta’ għalf komplet b’kontenut ta’ ndewwa ta’ 12 %. L-għalf supplimentari jista’ jkun fih il-komposti tas-selenju b’konċentrazzjoni ogħla minn 100 darba daqs il-kontenut massimu rilevanti stabbilit għall-għalf komplet.	*Equidae*	L-ammont totali ta’ — il-vitamina E: — is-selenju.	Sa 8 ġimgħat qabel l-eżerċizzju ta’ sforz sportiv - Sa 4 ġimgħat wara l-eżerċizzju ta’ sforz sportiv	L-istruzzjonijiet għall-użu tal-għalf għandhom jiżguraw li l-kontenut massimu legali tas-selenju għall-għalf komplet jiġi rispettat.”

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 6/2014

tas-6 ta' Jannar 2014

li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Jannar 2014.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Jerzy PLEWA
Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNESS

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz [1]	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	AL	55,3
	MA	56,5
	TN	89,8
	TR	127,8
	ZZ	82,4
0707 00 05	MA	158,2
	TR	170,1
	ZZ	164,2
0709 90 70	MA	76,1
	TR	166,2
	ZZ	121,2
0805 10 20	MA	49,5
	TR	84,4
	ZA	44,9
	ZZ	59,6
0805 20 10	MA	65,6
	ZZ	65,6
0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90	JM	116,9
	TR	79,1
	ZZ	98,0
0805 50 10	EG	64,2
	TR	62,1
	ZZ	63,2
0808 10 80	CN	74,5
	MK	26,2
	US	176,8
	ZZ	92,5
0808 20 50	CN	57,2
	US	154,2
	ZZ	105,7

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

LINJI GWIDA

LINJA GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-25 ta' Lulju 2013

dwar l-istatistika tal-finanzi tal-gvern

(riformulazzjoni)

(BĊE/2013/23)

(2014/2/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u partikolarment l-Artikolu 5.1 u 5.2, u l-Artikoli 12.1 u 14.3 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita' Ewropea ([1]),

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 549/2013 tal-21 ta' Mejju 2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea ([2]),

Billi:

(1) Il-Linja Gwida BĊE/2009/20 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-31 ta' Lulju 2009 dwar l-istatistika finanzjarja tal-gvern ([3]) jeħtieġ li tiġi emendata sostanzjalment u għalhekk għandha tiġi riformulata fl-interessi taċ-ċarezza u t-trasparenza.

(2) L-aġġornament tal-qafas metodoloġiku, mis-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (ESA – European System of Accounts) 1995 għall-KSE 2010, kif stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 549/2013, jeħtieġ l-adattament tal-kunċetti statistiċi. Għal raġunijiet ta' konsistenza, l-obbligi tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) fil-qasam tal-istatistika tal-finanzi tal-gvern (SFG) għandhom ikunu bbażati fuq l-istandards statistiċi tal-Unjoni ddefiniti fl-ESA 2010.

(3) Biex twettaq din il-ħidma, is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ/) għandha bżonn dejta komprensiva, jiġifieri li tkopri t-tranżazzjonijiet kollha inkluż dawk li fihom il-gvern ġenerali jaġixxi bħala aġent għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, u affidabbli għal analiżi ekonomika u monetarja. Il-proċeduri stabbiliti f'din il-Linja Gwida ma jaffettwawx ir-responsabbiltajiet u l-kompetenzi fuq il-livell tal-Istati Membri u tal-Unjoni.

(4) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri effiċjenti biex l-SFG tiġi skambjata ġewwa s-SEBĊ, biex jiġi żgurat li s-SEBĊ ikollha SFG li taqdi l-ħtiġijiet tagħha fil-ħin u li jkun hemm kompatibbilta' bejniethom u t-tbassir tal-istess varjabbli mħejjija mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi), irrispettivament minn jekk l-istatistika hijiex kumpilata mill-BĊNi jew mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

(5) Parti mill-informazzjoni neċessarja biex tissodisfa l-obbligi statistiċi tas-SEBĊ fil-qafas tal-SFG, hija kkumpilata minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti ħlief għall-BĊNi. Għalhekk, xi wħud mill-kompiti li jridu jitwettqu skont din il-Linja Gwida jeħtieġu kooperazzjoni bejn is-SEBĊ u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. L-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' informazzjoni statistika mill-Bank Ċentrali Ewropew ([4]) jobbliga lill-Istati Membri biex jorganizzaw rwieħhom fil-qasam tal-istatistika u biex jikkooperaw bis-sħiħ mas-SEBĊ sabiex jiżguraw it-twettiq tal-obbligi li joħorġu mill-Artikolu 5 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn issa 'l quddiem "l-Istatut tas-SEBĊ").

(6) Is-sorsi statistiċi bbażati fuq ir-Regolament (KE) Nru 479/2009 u l-ESA 2010 ma jissodisfawx il-ħtiġijiet tas-SEBĊ fir-rigward tal-kopertura tad-dejn tal-gvern u l-istatistika tal-aġġustament tad-defiċit-dejn u l-istatistika dwar it-tranżazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-baġit tal-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li jkun hemm aktar kumpilazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

([1]) ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1.
([2]) ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1.
([3]) ĠU L 228, 1.9.2009, p. 25.
([4]) ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8.

(7) Jenħtieġ li titwaqqaf proċedura biex isiru l-emendi tekniċi lill-Annessi ma' din il-Linja Gwida f'manjiera effettiva, bil-kundizzjoni li dawn l-emendi la jbiddlu l-qafas kunċett-wali bażi, u lanqas jaffettwaw il-piż tar-rapportar. Il-BĊNi jistgħu jipproponu dawn l-emendi tekniċi lill-Kumitat tal-Istatistika tas-SEBĊ, li l-fehma tiegħu ser titqies meta tiġi segwita din il-proċedura,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din il-Linja Gwida:

1. "Stat Membru taż-żona tal-euro" tfisser Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro;

2. "statistika tal-finanzi tal-gvern (SFG)" tfisser statistika dwar id-dħul, tan-nefqa u d-deficit/il-bilanċ favorevoli, l-istatistika dwar l-aġġustament tad-defiċit-debt, u l-istatistika dwar id-dejn tal-gvern (kif stabbilita f'Anness I);

3. "dejn tal-gvern" għandha l-istess tifsira kif iddefinita fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 479/2009;

4. "l-ewwel trasmissjoni" tfisser it-trasmissjoni regolari mill-BĊNi qabel il-15 t'April;

5. "it-tieni trasmissjoni" tfisser it-trasmissjoni regolari mill-BĊNi qabel il-15 t'Ottubru.

Artikolu 2

Obbligi ta' rapportar statistiku tal-BĊNi

1. Il-BĊNi għandhom jirrapportaw SFG lill-BĊE, kif speċifikat fl-Anness I, fuq il-bażi ta' sena kalendarja. Id-dejta għandha tkun konformi mal-prinċipji u d-definizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 479/2009 u tal-ESA 2010, kif spjegat aktar fl-Anness II.

2. Il-BĊNi għandhom jirrapportaw skont id-definizzjonijiet metodoloġiċi stabbiliti għal setturi u subsetturi fit-Taqsima 1 tal-Anness II ta' din il-Linja Gwida u għal dawn li ġejjin fit-Taqsima 2:

(a) "statistika tad-dħul, in-nefqa u ddefiċit/il-bilanċ favorevoli", li tkopri l-istatistika li tinsab fit-Tabelli 1 A, 1B u 1Ċ tal-Anness I;

(b) "statistika tal-aġġustament tad-defiċit-dejn", li tkopri l-istatistika li tinsab fit-Tabelli 2 A u 2B tal-Anness I;

(ċ) "statistika tad-dejn tal-gvern", li tkopri l-istatistika li tinsab fit-Tabella 3 A u 3B tal-Anness I.

3. Is-sett tad-dejta komplut għandu jkopri l-kategoriji kollha kif iddefiniti fl-Anness I (li jkopru l-istatistika tad-dħul, tan-nefqa u tad-defiċit/tal-bilanċ favorevoli, l-istatistika tal-aġġustament tad-defiċit-dejn u l-istatistika tad-dejn tal-gvern). Għandu jkopru wkoll dejta b'lura mill-1995 sas-sena li għaliha tirreferi t-trasmissjoni (sena t-1).

4. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 3, il-BĊNi mhumiex mitluba jittrasmettu lura dejta għal kategoriji koperti bid-derogi miftiehma bejn il-Kummissjoni Ewropea (Eurostat) u l-Istati Membri.

5. It-trasmissjoni tad-dejta speċifikata fit-Tabella 1 A-Ċ, 2 A-B, 3 A-B tal-Anness I għandha tibda f'Ottubru 2014.

6. Id-dejta tad-defiċit/tal-bilanċ favorevoli, tad-dejn, tad-dħul, tan-nefqa u tal-prodott domestiku gross nominali (GDP) għandha tkun akkompanjata bir-raġunijiet għar-reviżjonijiet meta d-daqs tal-bidla fid-defiċit/fil-bilanċ favorevoli kkaġunata mir-reviżjonijiet hija tal-anqas 0,3 % tal-GDP, jew id-daqs tal-bidla fid-dejn, fid-dħul, fin-nefqa jew fil-GDP nominali kkaġunata mir-reviżjonijiet hija tal-anqas 0,5 % tal-GDP.

Artikolu 3

Obbligi ta' rapportar statistiku tal-BĊE

1. Fuq il-bażi tad-dejta rrapportata mill-BĊNi, il-BĊE għandu jimmaniġġja "l-bażi ta' dejta tal-SFG", li se tinkludi dejta dwar iż-żona tal-euro u nazzjonali. Il-BĊE jiddistribwixxi l-bażi ta' dejta tal-SFG lis-SEBĊ.

2. Il-BĊNi għandhom jissenjalaw it-tagħrif statistiku nazzjonali tagħhom u jindikaw għal min tista' tkun disponibbli. Il-BĊE għandu jqis din is-senjalazzjoni meta jqassam il-bażi ta' dejta tal-SFG.

Artikolu 4

Tempestività

1. Il-BĊNi għandhom jirrappurtaw settijiet kompluti tad-dejta darbtejn fis-sena, qabel il-15 ta' April u qabel il-15 ta' Ottubru.

2. Il-BĊNi għandhom jirrappurtaw minn jeddhom settijiet (parzjali) tad-dejta, f'kull ħin ieħor, meta informazzjoni ġdida rilevanti ssir disponibbli. Dan is-sett tad-dejta jista' jinkludi estimi għal kategoriji li għalihom ma jkunx hemm informazzjoni ġdida.

3. Il-BĊE għandu jiddistribwixxi l-bażi ta' dejta tal-SFG lill-BĊNi tal-anqas darba fix-xahar, mhux aktar tard mill-jum tax-xogħol tal-BĊE li jmiss wara li l-BĊE jiffinalizza d-dejta għall-pubblikazzjoni.

Artikolu 5

Kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti

1. Meta s-sorsi tad-dejta kollha deskritta fl-Artikolu 2 jew ta' parti minnha huma awtoritajiet nazzjonali kompetenti minbarra l-BĊNi, il-BĊNi għandhom jagħmlu l-aħjar tagħhom biex jistabbilixxu ma' dawk l-awtoritajiet il-modalitajiet xierqa ta' kooperazzjoni, biex tiġi żgurata struttura permanenti ta' trasmissjoni tad-dejta biex tissodisfa l-istandards u l-obbligi tas-SEBĊ, sakemm l-istess riżultat ma jkunx diġa' nkiseb skont il-liġi nazzjonali.

2. Meta, matul din il-kooperazzjoni, BĊN ma jkunx jista' jikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 2 u 4 għaliex l-awtorità nazzjonali kompetenti ma tkunx ipprovdiet lill-BĊN l-informazzjoni meħtieġa, il-BĊE u l-BĊN jiddiskutu ma' dik l-awtorita' kif din l-informazzjoni tista' ssir disponibbli.

Artikolu 6

Standard ta' trasmissjoni

It-tagħrif statistiku meħtieġ għandu jkun disponibbli lill-BĊE f'forma li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III. Dan ir-rekwiżit ma jipprojbix l-użu ta' xi mezzi oħra għat-trasmissjoni ta' tagħrif statistiku lill-BĊE bħala soluzzjoni alternattiva miftiehma.

Artikolu 7

Kwalità

1. Il-BĊE u l-BĊNi għandhom jimmonitorjaw u jippromwovu l-kwalità tad-dejta rapportata lill-BĊE.

2. Ta' kull sena l-Bord Eżekuttiv tal-BĊE għandu jirrapporta lill-Kunsill Governattiv tal-BĊE dwar il-kwalità tal-SFG annwali.

3. Ir-rapport għandu jindirizza, tal-anqas, il-firxa tad-dejta, il-punt safejn din tikkonforma mad-definizzjonijiet relevanti, u d-daqs tar-reviżjonijiet.

Artikolu 8

Proċedura simplifikata għall-emendi

Filwaqt li jikkunsidra l-fehmiet tal-Kumitat tal-Istatistika, il-Bord Eżekuttiv huwa intitolat jagħmel emendi tekniċi fl-Annessi ta' din il-Linja Gwida, sakemm dawn l-emendi la jibdlu l-qafas kunċettwali bażi u lanqas jaffettwaw il-piż tar-rapportar. Il-Bord Eżekuttiv għandu jinforma lill-Kunsill Governattiv b'kull emenda bħal din mingħajr dewmien żejjed.

Artikolu 9

Revoka

1. Il-Linja Gwida BĊE/2009/20 hija rrevokata mill-1 ta' Settembru 2014.

2. Referenzi għal-Linja Gwida rrevokata għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din il-Linja Gwida u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni stipulata fl-Anness IV.

Artikolu 10

Dispożizzjonijiet finali

1. Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

2. Din il-Linja Gwida tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2014.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-25 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

ANNESS I

OBBLIGI TAR-RAPPORTAR TAD-DEJTA

Statistika tad-dħul, tan-nefqa u tad-defiċit/bilanċ favorevoli

Tabella 1 A

Kategorija	Numru u relazzjoni lineari
Defiċit (–) jew bilanċ favorevoli (+)	1 = 7 − 22 1 = 3 + 4 + 5 + 6
li minnu: defiċit primarju (–) jew bilanċ favorevoli (+)	2 = 1 + 28
Gvern ċentrali	3
Gvern statali	4
Gvern lokali	5
Fondi tas-sigurta’ soċjali	6
Dħul totali	7 = 8 + 20
Dħul kurrenti totali	8 = 9 + 12 + 14 + 17 + 19
Taxxi diretti	9
li minnhom: pagabbli minn korporazzjonijiet	10
li minnhom: pagabbli minn unitajiet domestiċi	11
Taxxi indiretti	12
li minnhom: taxxa fuq il-valur miżjud (VAT)	13
Kontribuzzjonijiet soċjali netti	14
li minnhom: kontribuzzjonijiet soċjali attwali ta’ min iħaddem	15
li minnhom: kontribuzzjonijiet soċjali attwali tal-*unitajiet domestiċi*	16
Dħul kurrenti ieħor	17
li minnu: imgħax riċevibbli	18
Bejgħ	19
Dħul kapitali totali	20
li minnu: taxxi kapitali	21
Nefqa totali	22 = 23 + 32
Nefqa kurrenti totali	23 = 24 + 28 + 29 + 31
Trasferimenti kurrenti	24 = 25 + 26 + 27
Ħlasijiet soċjali	25
Sussidji pagabbli	26
Trasferimenti kurrenti oħra pagabbli	27
Imgħax pagabbli	28
Kumpens tal-impjegati	29

Kategorija	Numru u relazzjoni lineari
li minnu: pagi u salarji	30
Konsum intermedju	31
Nefqa kapitali totali	32 = 33 + 34 + 35
Investiment	33
Akkwisti oħra nett ta' attiv mhux finanzjarju u tibdiliet fl-inventarji	34
Trasferimenti kapitali pagabbli	35
Partiti tal-Memorandum:	
Tfaddil gross	36 = 8 − 23
Imgħax inkluż saldu wara l-*iswaps* u l-ftehim dwar ir-rata bil-quddiem	37
Proċedura ta' deficit eċċessiv (EDP) deficit (–) jew bilanċ favorevoli (+)	38 = 1 + 28 − 37
Rikavat minn sistemi ta' telekommunikazzjonijiet mobbli universali	39
Kontribuzzjonijiet soċjali attwali	40 = 15 + 16
Benefiċċji soċjali minbarra trasferimenti soċjali mhux fi flus	41

Tabella 1B

Kategorija	Numru u relazzjoni lineari
Nefqa tal-Istat Membru fil-konfront tal-baġit tal-Unjoni Ewropea (EU)	1 = 2 + 3 + 4 + 7
Taxxi indiretti	2
Kooperazzjoni internazzjonali kurrenti	3
Trasferimenti kurrenti mixxellanji	4
li minnhom: it-tielet riżors proprju bbażat fuq il-VAT	5
li minnhom: ir-raba' riżors proprju bbażat fuq il-GNI	6
Trasferimenti ta' klapital	7
Dħul tal-Istat Membru mill-baġit tal-UE	8 = 9 + 10 + 11 + 12 + 13
Sussidji	9
Trasferimenti kurrenti lill-gvern	10
Trasferimenti kurrenti lil-unitajiet mhux governattivi	11
Trasferimenti ta' kapital lill-gvern	12
Trasferimenti ta' kapital lill-unitajiet mhux governattivi	13
Bilanċ tal-Istat Membru fil-konfront tal-baġit tal-UE (riċevitur nett +, pagatur nett –)	14 = 8 − 1
Partita tal-Memorandum:	
Spejjeż tal-ġbir tar-riżorsi proprji	15

Tabella 1C

Kategorija	Numru u relazzjoni lineari
Nefqa finali għal konsum	1 = 2 + 3 1 = 1A.29 + 1A.31 + 4 + 5 + 6 + 7 − 1A.19
Nefqa għal konsum individwali	2
Nefqa għal konsum kollettiv	3
Trasferimenti soċjali mhux fi flus – produzzjoni tas-suq mixtrija	4
Konsum tal-kapital fiss	5
Taxxi fuq produzzjoni mħallsa bit-tnaqqis tas-sussidji riċevuti	6
Bilanċ favorevoli tal-operat nett	7
Partiti tal-Memorandum:	
Nefqa finali għal konsum bil-prezzijiet tas-sena preċedenti	8
Investiment tal-Gvern bi prezzijiet tas-sena ta' qabel	9
Prodott domestiku gross GDP) bil-prezzijiet kurrenti	10
GDP bil-prezzijiet tas-sena preċedenti	11

Statistika dwar l-aġġustament tad-defiċit-dejn

Tabella 2 A

Kategorija	Numru u relazzjoni lineari
Aġġustament bejn kontijiet finanzjarji u mhux finanzjarji	1 = [1A.1] − 2
Tranżazzjonijiet finanzjarji nett (konsolidati)	2 = 3 − 15
Attiv finanzjarju (konsolidat)	3 = 4 + 5 + 6 + 7 + 11 + 12 + 13
Munita u depożiti	4
Titoli ta' dejn	5
Self	6
Ishma jew unitajiet ta' ekwità u fondi tal-investiment	7
Privatizzazzjonijiet (nett)	8
Injezzjonijiet ta' ekwità (nett)	9
Oħra	10
Skemi ta' garanzija tal-assigurazzjoni, tal- pensjoni u standardizzati	11
Derivati finanzjarji u *options* ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji tal-impjegati	12
Attiv finanzjarju ieħor	13
li minnu: taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali akkumulati imma mhux imħallsa	14

Kategorija	Numru u relazzjoni lineari
Passiv (konsolidat)	15 = 16 + 17 + 18 + 19 + 21 + 22 + 23
Munita u depożiti	16
Titoli ta' dejn fuq żmien qasir	17
Titoli ta' dejn fuq żmien twil	18
Self	19
li minnu: self mill-bank ċentrali	20
Skemi ta' garanzija tal-assigurazzjoni, tal- pensjoni u standardizzati	21
Derivati finanzjarji u *options* ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji tal-impjegati	22
Passiv ieħor	23
Ħtieġa ta' self tal-gvern ġenerali	24 = 16 + 17 + 18 + 19 24 = 26 + 27 + 28 24 = 1 − [1A.1] + 3 − 21 − 22 − 23
li minnu: fuq żmien twil	25
Denominat f'munita nazzjonali	26
Denominat f'muniti ta' Stati Membri taż-żona tal-euro	27
Denominat f'muniti oħra	28
Flussi oħra	29 = 30 + 33
Effetti ta' rivalutazzjoni fuq id-dejn	30 = 31 + 32
Qligħ u telf f'*investiment f*'kambju barrani	31
Effetti oħra ta' rivalutazzjoni – *valur nominali*	32 = 34 − 24 − 31 − 33
Bidliet oħra fil-volum tad-dejn	33
Bidla fid-dejn tal-gvern	34 = 24 + 29 34 = 1 − [1A.1] + 3 − 21 − 22 − 23 + 29 $34 = [3A.1]_{[T]} - [3A.1]_{[T-1]}$

Tabella 2B

Kategorija	Numru u relazzjoni lineari
Tranżazzjonijiet fi strumenti tad-dejn tal-gvern (mhux konsolidati)	1 = 2 + 3 + 4 + 5 + 6
Munita u depożiti	2
Titoli ta' dejn fuq żmien qasir	3
Titoli ta' dejn fuq żmien twil	4
Self mill-bank ċentrali	5
Self ieħor	6
Tranżazzjonijiet li jikkonsolidaw	7 = 8 + 9 + 10 + 11

Kategorija	Numru u relazzjoni lineari
Munita u depożiti	8 = 2 – [2A.16]
Titoli ta' dejn fuq żmien qasir	9 = 3 – [2A.17]
Titoli ta' dejn fuq żmien twil	10 = 4 – [2A.18]
Self	11 = 6 – ([2A.19] – [2A.20])

Statistika tad-dejn tal-Gvern

Tabella 3 A

Kategorija	Numru u relazzjoni lineari
Dejn tal-Gvern (konsolidat)	1 = 2 + 3 + 4 + 5 + 6 1 = 7 + 12 1 = 13 + 14 + 15 1 = 16 + 17 1 = 19 + 20 + 22
Munita u depożiti	2
Titoli ta' dejn fuq żmien qasir	3
Titoli ta' dejn fuq żmien twil	4
Self mill-bank ċentrali	5
Self ieħor	6
Miżmum minn residenti tal-Istat Membru	7 = 8 + 9 + 10 + 11
Bank ċentrali	8
Istituzzjonijiet finanzjarji monetarji oħra	9
Istituzzjonijiet finanzjarji oħra	10
Residenti oħra	11
Miżmum minn dawk li mhumiex residenti tal-Istat Membru	12
Denominat f'munita nazzjonali	13
Denominat f'muniti ta' Stati Membri taż-żona tal-euro	14
Denominat f'muniti oħra	15
Dejn fuq żmien qasir	16
Dejn fuq żmien twil	17
li tiegħu: rata tal-imgħax varjabbli	18
Maturita' residwa sa sena	19
Maturita' residwa ta' aktar minn sena u sa ħames snin	20
li tagħha: rata ta' imgħax varjabbli	21
Maturita' residwa ta' aktar minn ħames snin	22

Kategorija	Numru u relazzjoni lineari
li tagħha: rata ta' imgħax varjabbli	23
Partiti tal-Memorandum:	
Maturita' residwa medja ta' dejn	24
Dejn tal-Gvern – bonds bla imgħax	25

Tabella 3B

Kategorija	Numru u relazzjoni lineari
Dejn tal-Gvern (mhux konsolidat bejn is-subsetturi)	1 = 7 + 9 + 11 + 13
Elementi konsolidattivi	2 = 3 + 4 + 5 + 6 2 = 8 + 10 + 12 + 14 2 = 15 + 16 + 17 + 18
Munita u depożiti	3
Titoli fuq żmien qasir	4
Titoli fuq żmien twil	5
Self	6
Maħruġ mill-gvern ċentrali (konsolidat)	7
li minnu: miżmum minn sottosetturi oħra tal-gvern	8
Maħruġ mill-gvern statali (konsolidat)	9
li minnu: miżmum minn subsetturi oħra tal-gvern	10
Maħruġ mill-gvern lokali (konsolidat)	11
li minnu: miżmum minn subsetturi oħra tal-gvern	12
Maħruġ minn fondi tas-sigurta' soċjali (konsolidat)	13
li minnu: miżmum minn subsetturi oħra tal-gvern	14
Partiti tal-memorandum:	
Parteċipazzjonijiet azzjonarji ta' gvern ċentrali f'dejn maħruġ minn subsetturi oħra tal-gvern	15
Parteċipazzjonijiet azzjonarji ta' gvern statali f'dejn maħruġ minn subsetturi oħra tal-gvern	16
Parteċipazzjonijiet azzjonarji ta' gvern lokali f'dejn maħruġ minn subsetturi oħra tal-gvern	17
Parteċipazzjonijiet azzjonarji ta' fondi tas-sigurta' soċjali ta' dejn maħruġ minn subsetturi oħra tal-gvern	18

ANNESS II

DEFINIZZJONIJIET METODOLOĠIĊI

1. **Definizzjonijiet ta' setturi u subsetturi**

Setturi u subsetturi fl-ESA 2010

Ekonomija totali	S.1
Korporazzjonijiet mhux finanzjarji	S.11
Korporazzjonijiet finanzjarji	S.12
Bank ċentrali	S.121
Korporazzjonijiet li jieħdu d-depożiti, ħlief għall-Bank Ċentrali	S.122
Fondi tas-suq tal-flus	S.123
Fondi tal-investiment mhux MMF	S.124
Intermedjarji finanzjarji oħra, ħlief korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni	S.125
Awżiljarji finanzjarji	S.126
Istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u selliefa tal-flus	S.127
Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni	S.128
Fondi tal-pensjoni	S.129
Istituzzjonijiet finanzjarji monetarji	S.121 + S.122 + S.123
Gvern ġenerali	S.13
Gvern ċentrali (eskluża s-sigurtà soċjali)	S.1311
Gvern statali (eskluża s-sigurtà soċjali)	S.1312
Gvern lokali (eskluża s-sigurtà soċjali)	S.1313
Fondi tas-sigurtà soċjali	S.1314
Unitajiet domestiċi	S.14
Istituzzjonijiet li joperaw bla qligħ li jservu *l-unitajiet domestiċi*	S.15
Il-bqija tad-dinja	S.2
Stati Membri u Istituzzjonijiet u Korpi tal-Unjoni Ewropea (UE)	S.21
Stati Membri tal-UE	S.211
Istituzzjonijiet u Korpi Ewropej tal-UE	S.212
Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)	S.2121
Istituzzjonijiet u Korpi Ewropej, ħlief il-BĊE	S.2122
Pajjiżi mhux membri u organizzazzjonijiet internazzjonali mhux residenti tal-UE	S.22

2. **Definizzjonijiet tal-kategoriji** ([1]), ([2])

Tabella 1A

1. Id-deficit (–) jew il-bilanċ favorevoli (+) [1 A.1] huwa ugwali għas-self nett (+)/self nett (–) (B.9) ta' S.13, huwa ugwali għad-dħul totali [1 A.7] bin-nefqa totali mnaqqsa [1 A.22], u huma l-istess bħad-deficit (–) jew il-bilanċ favorevoli (+) tal-gvern ċentrali [1 A.3], flimkien mad-deficit (–) jew il-bilanċ favorevoli (+) tal-gvern statali [1 A.4], flimkien mad-deficit (–) jew il-bilanċ favorevoli (+) tal-gvern lokali [1 A.5], flimkien mad-deficit (–) jew il-bilanċ favorevoli (+) tal-fondi tas-sigurtà soċjali [1 A.6].

2. Id-deficit primarju (–) jew il-bilanċ favorevoli (+) [1 A.2] huwa ugwali għad-deficit (–) jew il-bilanċ favorevoli (+) [1 A.1], flimkien mal-imgħax pagabbli [1 A.28].

3. Id-deficit (–) jew il-bilanċ favorevoli (+) tal-gvern ċentrali [1 A.3] huwa ugwali għas-self nett (+)/self nett (–) (B.9) ta' S.1311.

4. Id-deficit (–) jew il-bilanċ favorevoli (+) tal-gvern statali [1 A.4] huwa ugwali għas-self nett (+)/self nett (–) (B.9) ta' S.1312.

5. Id-deficit (–) jew il-bilanċ favorevoli (+) tal-gvern lokali [1 A.5] huwa ugwali għas-self nett (+)/self nett (–) (B.9) ta' S.1313.

6. Id-deficit (–) jew il-bilanċ favorevoli (+) ta' fondi tas-sigurtà soċjali [1 A.6] huwa ugwali għas-self nett (+)/self nett (–) (B.9) ta' S.1314.

7. Id-dħul totali [1 A.7] huwa ugwali għad-dħul kurrenti totali [1 A.8], flimkien mad-dħul kapitali totali [1 A.20].

8. Id-dħul kapitali totali [1 A.8] huwa ugwali għat-taxxi diretti [1 A.9], flimkien mat-taxxi indiretti [1 A.12], flimkien ma' kontribuzzjonijiet soċjali netti [1 A.14], flimkien ma' dħul kurrenti ieħor [1 A.17], flimkien ma' bejgħ [1 A.19].

9. It-taxxi diretti [1 A.9] huma ugwali għat-taxxi kurrenti fuq id-dħul, il-ġid, etċ. (D.5) irreġistrati fost ir-riżorsi ta' S.13.

10. It-taxxi diretti li parti minnhom hija pagabbli minn korporazzjonijiet [1 A.10] huma ugwali għat-taxxi kurrenti fuq id-dħul, il-ġid, etċ. (D.5) irreġistrati fost riżorsi ta' S.13 u l-użi ta' S.11 u S.12.

11. It-taxxi diretti li parti minnhom hija pagabbli minn *unitajiet domestiċi* [1 A.11] huma l-istess bhahuwa ugwali t-taxxi kurrenti fuq id-dħul, il-ġid, etċ. (D.5) irreġistrati fost riżorsi ta' S.13 u użi ta' S.14.

12. It-taxxi indiretti [1 A.12] huma ugwali għat-taxxi fuq il-produzzjoni u importazzjonijiet (D.2) irreġistrati fost riżorsi ta' S.13.

13. It-taxxi indiretti li tagħhom it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) [1 A.13] huma ugwali għat-tip ta' taxxi fuq il-valur miżjud (D.211) irreġistrati fost riżorsi ta' S.13.

14. Il-kontribuzzjonijiet soċjali netti [1 A.14] huma ugwali għall-kontribuzzjonijiet soċjali (D.61) irreġistrati fost riżorsi ta' S.13.

15. Il-kontribuzzjonijiet soċjali netti li minnhom il-kontribuzzjonijiet soċjali attwali ta' min iħaddem [1 A.15] huma ugwali għall-kontribuzzjonijiet soċjali attwali ta' min iħaddem (D.611) irreġistrati fost riżorsi ta' S.13.

16. Il-kontribuzzjonijiet soċjali netti li minnhom il-kontribuzzjonijiet soċjali attwali tal-*unitajiet domestiċi* [1 A.16] huma ugwali għall-kontribuzzjonijiet soċjali attwali tal-*unitajiet domestiċi* (D.613) irreġistrati fost riżorsi ta' S.13.

17. Id-dħul kurrenti ieħor [1 A.17] huwa ugwali għad-dħul mill-propjeta' (D.4), flimkien ma' trasferimenti kurrenti oħra (D.7) irreġistrati fost riżorsi ta' S.13, ħlief S.13 riżorsi ta' imgħax (D.41) li huma wkoll użui ta' S.13, flimkien ma' riċevuti ta' sussidji oħra fuq il-produzzjoni (D.39) li huma użi ta' S.13.

18. Id-dħul kurrenti ieħor li parti minnu l-imgħax li huwa riċevibbli [1 A.18] huwa ugwali għall-imgħax (D.41) irreġistrat fost ir-riżorsi ta' S.13 u użi tas-setturi kollha ħlief S.13.

19. Il-bejgħ [1 A.19] huwa ugwali għall-*output* tas-suq (P.11), flimkien ma' *output* għall-użu finali (P.12), flimkien ma' pagamenti għal *output* ieħor mhux tas-suq (P.131) irreġistrat fost ir-riżorsi ta' S.13.

([1]) [x.y] jirreferu għan-numru tal-kategorija y tat-Tabella x.
([2]) It-terminu "kategoriji" jirreferi għas-settur tal-gvern ġenerali sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor.

20. Id-dħul kapitali totali [1 A.20] huwa l-istess bħat-trasferimenti kapitali riċevibbli (D.9) irrekordjati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13, u rreġistrat bħala trasferiment kapitali pagabbli mis-setturi kollha ħlief S.13.

21. Id-dħul kapitali totali li minnu t-taxxi kapitali [1 A.21] huma ugwali għat-taxxi kapitali (D.91) irreġistrat fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13.

22. In-nefqa totali [1 A.22] hija ugwali għan-nefqa totali kurrenti [1 A.23], flimkien man-nefqa kapitali totali [1 A.32].

23. In-nefqa totali kurrenti [1 A.23] hija ugwali għat-trasferimenti kurrenti [1 A.24], flimkien ma' imgħax pagabbli [1 A.28], flimkien ma' kumpens lill-impjegati [1 A.29], flimkien ma' konsum intermedju [1 A.31].

24. It-trasferimenti kurrenti [1 A.24] huma ugwali għall-pagamenti soċjali [1 A.25], flimkien ma' sussidji pagabbli [1 A.26], flimkien ma' trasferimenti kurrenti oħra pagabbli [1 A.27].

25. Il-pagamenti soċjali [1 A.25] huma ugwali għall-benefiċċji soċjali minbarra t-trasferimenti soċjali mhux fi flus (D.62), flimkien ma' trasferimenti soċjali mhux fi flus relatati mal-produzzjoni tas-suq mixtrija mill-gvern ġenerali (D.632) irreġistrati fost l-utenti ta' S.13, flimkien ma' trasferimenti kurrenti mixxellanji (D.75) irreġistrati fost l-użi ta' S.13 u r-riżorsi ta' S.15.

26. Is-sussidji pagabbli [1 A.26] huma ugwali għat-tnaqqis tas-sussidji (-D.3) irreġistrat fost ir-riżorsi ta' S.13.

27. It-trasferimenti kurrenti pagabbli oħra [1 A.27] huma ugwali għat-taxxi kurrenti fuq id-dħul, il-ġid, etċ. (D.5), flimkien ma' taxi oħra fuq il-produzzjoni (D.29), flimkien mad-dħul fuq il-proprjetà (D.4) eskluż l-imgħax (D.41), flimkien ma' trasferimenti oħra kurrenti (D.7) irreġistrati fost l-użi ta' S.13 esklużi trasferimenti kurrenti mixxellanji (D.75) irreġistrati fost l-użi ta' S.13 u riżorsi ta' S.15.

28. L-imgħax pagabbli [1 A.28] huwa ugwali għall-imgħax (D.41) irreġistrat fost l-użi ta' S.13 u r-riżorsi tas-setturi kollha ħlief S.13.

29. Il-kumpens tal-impjegati [1 A.29] huwa ugwali għall-kumpens tal-impjegati (D.1) irreġistrat fost l-użi ta' S.13.

30. Il-kumpens tal-impjegati li minnhom il-pagi u s-salarji [1 A.30] huwa ugwali għall-pagi u s-salarji (D.11) irreġistrati fost l-użi ta' S.13.

31. Il-konsum intermedju [1 A.31] huwa ugwali għall-konsum intermedju (P.2) irreġistrat fost l-użi ta' S.13.

32. In-nefqa kapitali totali [1 A.32] hija ugwali għall-investiment [1 A.33], flimkien ma' akkwisti oħra nett ta' attiv mhux finanzjarju [1 A.34], flimkien ma' trasferimenti ta' kapital pagabbli [1 A.35].

33. L-investiment [1 A.33] huwa ugwali għall-formazzjoni ta' kapital fiss gross (P.51 g) irreġistrat fost tibdiliet fl-attiv ta' S.13.

34. Akkwisti oħra nett ta' attiv mhux finanzjarju u tibdiliet fl-inventarji [1 A.34] huma ugwali għat-tibdiliet fl-inventarji (P.52), flimkien ma' akkwisti bit-trasferiment ta' oġġetti ta' valur (P.53) imnaqqas, flimkien ma' akkwisti bit-trasferiment imnaqqas ta' attiv mhux finanzjarju u mhux prodott (NP) irreġistrat fost tibdiliet fl-attiv ta' S.13.

35. Trasferimenti ta' kapital pagabbli [1 A.35] huma ugwali għat-trasferimenti ta' kapital (D.9) irreġistrati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13, u rreġistrati bħala trasferimenti kapital riċevibbli mis-setturi kollha ħlief S.13.

36. Tfaddil gross [1 A.36] huwa l-istess bħad-dħul kurrenti totali [1 A.8], bin-nefqa kurrenti totali mnaqqsa [1 A.23].

37. L-imgħax inkluż ħlasijiet fi *swaps* u fi ftehim ta' rati bil-quddiem [1 A.37] huwa ugwali għall-imgħax (EDP D.41) tal-proċedura tad-defiċit eċċessiv (EDP) irreġistrat fost l-użi ta' S.13 u r-riżorsi għas-setturi kollha ħlief S.13.

38. Id-defiċit (–) jew il-bilanċ favorevoli (+) [1 A.38] tal-proċedura tad-defiċit eċċessiv (EDP) huwa ugwali għas-self(+)/self nett (–) tal-EDP nett (EDP B.9) ta' S.13 u ugwali għad-defiċit (–) jew il-bilanċ favorevoli (+) [1 A.1], flimkien ma' imgħax pagabbli [1 A.28], bit-tnaqqis tal-imgħax inklużi ħlasijiet fi *swaps* u fi ftehim ta' rati bil-quddiem [1 A.37].

39. Ir-rikavat ta' sistemi ta' telekomunikazzjonijiet universali mobbli [1 A.39] huwa ugwali għar-rikavat mill-bejgħ ta' liċenzji ta' servizz ta' telefon ċellulari tat-tielet ġenerazzjoni, irreġistrat bħala trasferiment ta' attiv mhux finanzjarju skont id-deċiżjoni tal-Eurostat dwar l-allokazzjoni ta' liċenzji ta' telefon ċellulari.

40. Kontribuzzjonijiet soċjali attwali [1 A.40] huma ugwali għall-kontribuzzjonijiet soċjali attwali ta' min iħaddem (D.611) [1 A.15], flimkien ma' kontribuzzjonijiet soċjali attwali tal-unitajiet domestiċi (D.613) [1 A.16] irreġistrati fost ir-riżorsi ta' S.13.

41. Benefiċċji soċjali minbarra trasferimenti soċjali mhux fi flus [1 A.41] huma ugwali għall-benefiċċji soċjali minbarra trasferimenti soċjali mhux fi flus (D.62) irreġistrati fost l-użi ta' S.13.

Tabella 1B

1. In-nefqa tal-Istat Membru fil-konfront tal-baġit tal-Unjoni Ewropea (UE) [1B.1] hija ugwali għat-taxxi indiretti riċevibbli mill-baġit tal-UE [1B.2], flimkien ma' kooperazzjoni internazzjonali kurrenti (D.74) pagabbli mill-gvern lill-baġit tal-UE [1B.4], flimkien ma' trasferimenti kurrenti mixxellanji (D.75) pagabbli mill-gvern lill-baġit tal-UE [1B.5], flimkien ma' trasferimenti ta' kapital (D.9) pagabbli mill-gvern lill-baġit tal-UE [1B.7].

2. It-taxxi indiretti [1B.2] huma ugwali għat-taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet (D.2) irreġistrati fost riżorsi ta' S.2122.

3. Il-kooperazzjoni internazzjonali kurrenti [1B.3] hija ugwali għall-kooperazzjoni internazzjonali kurrenti (D.74) irreġistrata fost riżorsi ta' S.2122 u użi ta' S.13.

4. It-trasferimenti kurrenti mixxellanji [1B.4] huma ugwali għat-trasferimenti kurrenti mixxellanji (D.75) flimkien mal-VAT u riżorsi proprji fl-UE ibbażati fuq il-GNI irreġistrati fost riżorsi ta' S.2122 u użi ta' S.13.

5. It-trasferimenti kurrenti mixxellanji li minnhom ir-riżors ibbażat skont il-VAT [1B.5] huma ugwali għat-tielet riżors proprju (D.761) ibbażat fuq it-taxxi fuq il-valur miżjud (VAT) irreġistrat fost riżorsi ta' S.2122 u użi ta' S.13.

6. It-trasferimenti kurrenti mixxellanji li minnhom ir-raba' riżors proprju ibbażat fuq il-GNI [1B.6] huma ugwali għar-raba' riżors proprju bbażat fuq l-introjtu gross nazzjonali (GNI) (D.762) irreġistrat fost riżorsi ta' S.2122 u użi ta' S.13.

7. It-trasferimenti ta' kapital [1B.7] huma ugwali għat-trasferimenti kapitali pagabbli (D.9) irreġistrati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13 u rreġistrati bħala trasferiment ta' kapital riċevibbli minn S.2122.

8. Id-dħul tal-Istat Membru mill-baġit tal-UE [1B.8] huwa ugwali għas-sussidji pagabbli (D.3) mill-baġitr tal-UE [1B.9], flimkien ma' trasferimenti kurrenti oħra (D.7) pagabbli mill-baġit tal-UE lill-gvern [1B.10], flimkien ma' trasferimenti kurrenti oħra (D.7) pagabbli mill-baġit tal-UE lil unitajiet li mhumiex tal-gvern [1B.11], flimkien ma' trasferimenti ta' kapital (D.9) pagabbli mill-baġit tal-UE lill-gvern [1B.12], flimkien ma' trasferimenti ta' kapital (D.9)) pagabbli mill-baġit tal-UE lil unitajiet li mhumiex tal-gvern [1B.13].

9. Is-sussidji [1B.9] huma ugwali għas-sussidji (D.3) irreġistrati fost l-użi ta' S.2122.

10. It-trasferimenti kurrenti lill-gvern [1B.10] huma ugwali għall-kooperazzjoni internazzjonali kurrenti (D.74), flimkien ma' trasferimenti kurrenti mixxellanji (D.75) irreġistrati fost riżorsi ta' S.13 u użi ta' S.2122.

11. It-trasferimenti kurrenti lil unitajiet li mhumiex tal-gvern [1B.11] huma ugwali għat-trasferimenti kurrenti mixxellanji (D.75) irrekordjati fost użi ta' S.2122 u r-riżorsi tas-setturi kollha ħlief S.13.

12. It-trasferimenti ta' kapital lill-gvern [1B.12] huma ugwali għat-trasferimenti ta' kapital riċevibbli (D.9) irreġistrati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13 u fost tibdiliet fl-attiv ta' S.2122.

13. It-trasferimenti ta' kapital lil unitajiet li mhumiex tal-gvern [1B.13] huma ugwali għat-trasferimenti ta' kapital pagabbli (D.9) irreġistrati fost tibdiliet fl-attiv ta' S.2122 u tibdiliet fil-passiv u l-valur nett tas-setturi kollha ħlief S.13.

14. Il-bilanċ tal-Istat Membru fil-konfront tal-baġit tal-UE (riċevitur nett +, pagatur nett –) [1B.14] huwa ugwali għad-dħul tal-Istat Membru mill-baġit tal-UE [1B.8], bit-tnaqqis tal-ispiża tal-Istat Membru fil-konfront tal-estimi tal-UE [1B.1].

15. L-ispejjeż tal-ġbir tar-riżorsi proprji [1B.15] hija dik il-parti tal-*output* mhux tas-suq (P.13) irreġistrata fost riżorsi ta' S.13, jiġifieri, l-ispejjeż tal-ġbir tar-riżorsi proprju li jitħallsu mill-baġit tal-UE.

Tabella 1C

1. In-nefqa tal-konsum finali [1C.1] hija ugwali għan-nefqa tal-konsum individwali (P.3) rreġistrata fost l-użu ta' S.13.

2. In-nefqa tal-konsum individwali [1C.2] hija ugwalibħan-nefqa tal-konsum individwali (P.31) rrekordjata fost l-użu ta' S.13.

3. In-nefqa tal-konsum kollettiv [1C.3] hija ugwali bħan-nefqa tal-konsum kollettiv (P.32) irrekordjata fost l-użu ta' S.13.

4. It-trasferimenti soċjali mhux fi flus - produzzjoni tas-suq mixtrija [1C.4] huma ugwali bħat-trasferimenti soċjali mhux fi flus – produzzjoni tas-suq mixtrija (D.632) rrekordjata fost l-użu ta' S.13.

5. Il-konsum ta' kapital fiss [1C.5] huwa ugwali bħall-konsum ta' kapital fiss (P.51c) irrekordjat fost it-tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13.

6. It-taxxi mħallsin fuq produzzjoni mnaqqsin b'sussidji riċevuti [1C.6] huma ugwali bħall-pagamenti ta' taxxi oħra fuq il-produzzjoni (D.29) irrekordjati fost l-użu ta' S.13, imnaqqsin bir-riċevuta ta' sussidji oħra fuq il-produzzjoni (D.39) irrekordjati fost l-użu ta' S.13.

7. Il-bilanċ a favur operattiv nett [1C.7] huwa ugwali bħall-bilanċ favorevoli operattiv, nett (B.2n) ta' S.13.

8. In-nefqa tal-konsum finali bi prezzijiet tas-sena preċedenti [1C.8] hija ugwali għall-volum *chain-linked* tan-nefqa tal-konsum finali (P.3), irreġistrat fost l-utenti ta' S.13, bi prezzijiet tas-sena preċedenti.

9. L-investiment tal-gvern bi prezzijiet tas-sena preċedenti [1C.9] huwa ugwali għall-volum *chain-linked* tal-formazzjoni tal-kapital fiss gross (P.51 g), irreġistrat fost tibdiliet f'attiv ta' S.13, skont prezzijiet tas-sena preċedenti.

10. Il-prodott domestiku gross (GDP) bi prezzijiet kurrenti [1C.10] huwa ugwali għall-GDP (B.1*g) bi prezzijiet tas-suq.

11. Il-GDP bi prezzijiet tas-sena preċedenti [1C.11] huwa l-istess bħall-volum *chain-linked* tal-GDP (B1*g) bi prezzijiet tas-sena preċedenti.

Tabella 2 A

1. L-aġġustament bejn kontijiet finanzjarji u dawk mhux finanzjarji [2 A.1] huwa ugwali għad-defiċit (–) jew il-bilanċ favorevoli (+) [1 A.1], bit-tnaqqis tat-tranżazzjonijiet nett fl-attiv u l-passiv finanzjarju [2 A.2].

2. It-tranżazzjonijiet nett fl-attiv u l-passiv finanzjarju (konsolidat) [2 A.2] huma ugwali għat-tranżazzjonijiet fl-akkwist nett ta' attiv finanzjarju [2 A.3], bit-tnaqqis tal-inkurżjoni netta ta' tranżazzjonijiet fil-passiv [2 A.15].

3. It-tranżazzjonijiet fl-attiv finanzjarju (konsolidat) [2 A.3] huma ugwali għat-tranżazzjonijiet konsolidati f'munita u depożiti (F.2) [2 A.4], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'titoli ta' dejn (F.3) [2 A.5], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'self (F.4) [2 A.6], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'ishma jew unitajiet f'ekwità u fondi ta' investiment (F.5) [2 A.7], flimkien ma' tranżazzjonijiet fl-assigurazzjoni, il-pensjoni u skemi standardizzati ta' garanzija (F.6) [2 A.11], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'derivati finanzjarji u *options* ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji tal-impjegati (F.7) [2 A.12], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'attiv finanzjarju ieħor [2 A.13], irreġistrati fost tibdiliet fl-attiv ta' S.13 u tibdiliet fil-passiv u l-valur nett tas-setturi kollha ħlief S.13.

4. It-tranżazzjonijiet f'munita u depożiti [2 A.4] huma ugwali għall-akkwist nett ta' munita u depożiti (F.2) irreġistrati fost tibdiliet fl-attiv ta' S.13 u tibdiliet fil-passiv u l-valur nett tas-setturi kollha ħlief S.13.

5. It-tranżazzjonijiet f'titoli ta' dejn [2 A.5] huma ugwali għall-akkwist nett ta' titoli ta' dejn (F.3), irreġistrati fost tibdiliet fl-attiv ta' S.13 u tibdiliet fil-passiv u l-valur nett tas-setturi kollha ħlief S.13.

6. It-tranżazzjonijiet f'self [2 A.6] huma ugwali għal self ġdid (F.4) avvanzat mill-gvern, imnaqqas mill-pagamenti lura netti lill-gvern, irreġistrati fost tibdiliet fl-attiv ta' S.13 u tibdiliet fil-passiv u l-valur nett tas-setturi kollha ħlief S.13.

7. It-tranżazzjonijiet f'ishma jew unitajiet f'ekwità u fondi ta' investment [2 A.7] huma ugwali għall-akkwist nett ta' ishma jew unitajiet ekwità u fondi ta' investment (F.5) irreġistrati fost tibdiliet fl-attiv ta' S.13 u tibdiliet fil-passiv u l-valur nett tas-setturi kollha ħlief S.13.

8. Il-privatizzazzjonijiet (netti) [2 A.8] huma ugwali għat-tranżazzjonijiet f'ishma jew unitajiet f'ekwità u fondi ta' investment (F.5) irreġistrati fost tibdiliet fl-attiv ta' S.13 u tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.11 jew S.12 li jitwettqu fil-proċess tar-rilaxx jew tal-akkwist tal-kontroll (KSE 10 paragrafi 2.36 sa 2.39) tal-unita' tad-debitur permezz ta' S.13; dawn it-tranżazzjonijiet jistgħu jitwettqu permezz ta' S.13 direttament mal-unita' tad-debitur, jew ma' unita' oħra ta' kreditur.

9. L-injezzjonijiet ta' ekwità (nett) [2 A.9] huma ugwali għat-tranżazzjonijiet f'ishma jew unitajiet f'ekwità u fondi ta' investment (F.5) irreġistrati fost tibdiliet fl-attiv ta' S.13 u tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.11 jew S.12 li ma jitwettqux fil-proċess tar-rilaxx jew tal-akkwist tal-kontroll tal-unita' tad-debitur permezz ta' S.13 u li jitwettqu permezz ta' S.13 direttament mal-unita' tad-debitur.

10. Oħrajn [2 A.10] hija ugwali għat-tranżazzjonijiet f'ishma jew unitajiet f'ekwità u fondi ta' investiment (F.5) irreġistrati fost tibdiliet fl-attiv ta' S.13 u tibdiliet fil-passiv u l-valur nett tas-setturi kollha ħlief S.13 li ma jitwettqux fil-proċess tar-rilaxx jew tal-akkwist tal-kuntroll tal-unita' tad-debitur permezz ta' S.13 u ma jitwettqux permezz ta' S.13 direttament mal-unita' tad-debitur, imma ma' unita' ta' kreditur ieħor.

11. It-tranżazzjonijiet fl-iskemi ta' garanzija tal-assigurazzjoni, tal-pensjoni u dawk standardizzati [2 A.11] huma ugwali għall-akkwist nett ta' skemi ta' garanzija tal-assigurazzjoni, tal-pensjoni u dawk standardizzati (F.6), irreġistrati fost tibdiliet fl-attiv ta' S.13 u tibdiliet fil-passiv u l-valur nett tas-setturi kollha ħlief S.13.

12. It-tranżazzjonijiet f'derivati finanzjarji u *options* ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji tal-impjegati [2 A.12] huma ugwali għall-ħlasijiet netti fir-rigward tad-derivati finanzjarji u l-*options* ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji tal-impjegati (F.7), irreġistrati fost tibdiliet fl-attiv ta' S.13 u tibdiliet fil-passiv u l-valur nett tas-setturi kollha ħlief S.13.

13. It-tranżazzjonijiet f'attiv finanzjarju ieħor [2 A.13] huma ugwali għall-akkwist nett ta' deheb monetarju u drittijiet specjali ta' ġbid (SDRs) (F.1) irreġistrati fost tibdiliet fl-attiv ta' S.13, flimkien ma' kontijiet oħra riċevibbli (F.8)) irreġistrati fost tibdiliet fl-attiv ta' S.13 u tibdiliet fil-passiv u l-valur nett tas-setturi kollha ħlief S.13.

14. It-tranżazzjonijiet f'attiv finanzjarju ieħor li parti minnhom huma taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali li jkunu akku-mulaw imma li jkunu għadhom ma tħallsux [2 A.14] huma ugwali għal dik il-parti ta' kontijiet oħra riċevibbli (F.8 attiv) relatati mat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali rreġistrati f'D.2, D.5, D.61 u D.91, bit-tnaqqis tal-ammonti ta' taxxi attwalment miġbura, irreġistrati fost tibdiliet fl-attiv ta' S.13 u tibdiliet fil-passiv u l-valur nett tas-setturi kollha ħlief S.13.

15. It-tranżazzjonijiet fil-passiv (konsolidat) [2 A.15] huma ugwali għat-tranżazzjonijiet konsolidati f'munita u depożiti (F.2) [2 A.16], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'titoli ta' dejn fuq żmien qasir (F.31) [2 A.17], flimkien ma' tranżazz-jonijiet f'titoli ta' dejn fuq żmien twil (F.32) [2 A.18], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'self (F.4) [2 A.19], flimkien ma' tranżazzjonijiet fi skemi ta' garanzija tal-assigurazzjoni, tal-pensjoni u dawk standardizzati (F.6) [2 A.21], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'derivati finanzjarji u *options* ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji tal-impjegati (F.7) [2 A.22], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'passiv ieħor [2 A.23], irreġistrati fost tibdiliet u l-valur nett ta' S.13 u tibdiliet fl-attiv tas-setturi kollha ħlief S.13.

16. It-tranżazzjonijiet f'munita u depożiti [2 A.16] huma ugwali għall-akkwist nett ta' munita u depożiti (F.2) irreġistrati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13 u tibdiliet fl-attiv tas-setturi kollha ħlief S.13.

17. It-tranżazzjonijiet f'titoli ta' dejn fuq żmien qasir [2 A.17] huma ugwali għall-inkurżjoni netta ta' titoli ta' dejn fuq żmien qasir (F.31), li l-maturita' oriġinali tagħhom hija ta' sena jew anqas, irreġistrati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13 u tibdiliet fl-attiv tas-setturi kollha ħlief S.13.

18. It-tranżazzjonijiet f'titoli ta' dejn fuq żmien twil [2 A.18] huma ugwali għall-inkurżjoni netta ta' titoli ta' dejn fuq żmien twil (F.32), li l-maturita' oriġinali tagħhom hija ta' aktar minn sena, irreġistrati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13 u tibdiliet fl-attiv tas-setturi kollha ħlief S.13.

19. It-tranżazzjonijiet f'self [2 A.19] huma ugwali għal self ġdid (F.4) missellef, bil-ħlasijiet lura ta' self eżistenti imnaqqas, irreġistrati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13 u tibdiliet fl-attiv tas-setturi kollha ħlief S.13.

20. It-tranżazzjonijiet f'self li parti minnhom huma self minn bank ċentrali [2 A.20] huma ugwali għat-tranżazzjonijiet f'self (F.4) irreġistrati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13 u tibdiliet fl-attiv ta' S.121.

21. It-tranżazzjonijiet fi skemi ta' garanzija tal-assigurazzjoni, tal-pensjoni u dawk standardizzati [2 A.21] huma ugwali għall-akkwist nett ta' skemi ta' garanzija tal-assigurazzjoni, tal-pensjoni u dawk standardizzati (F.6), irreġistrati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13 u tibdiliet fl-attiv tas-setturi kollha ħlief S.13.

22. It-tranżazzjonijiet f'derivattivi finanzjarji u *options* ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji tal-impjegati [2 A.22] huma ugwali għar-riċevui netti fir-rigward tad-derivati finanzjarji u *options* ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji tal-impjegati (F.7) irreġistrati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13 u tibdiliet fl-attiv tas-setturi kollha S.13.

23. It-tranżazzjonijiet f'passiv ieħor [2 A.23] huma ugwali għall-inkurżjoni netta ta' deheb monetarju u SDRs (F.1) irreġistrati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13 u tibdiliet fl-attiv tas-setturi kollha ħlief S.13, flimkien ma' ishma jew unitajiet ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji u fondi ta' investiment (F.5) irreġistrati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13 u tibdiliet fl-attiv tas-setturi kollha ħlief S.13, flimkien ma' kontijiet oħra pagabbli (F.8) irreġistrati fost il-passiv u l-valur nett ta' S.13 u tibdiliet fl-attiv tas-setturi kollha ħlief S.13.

24. L-obbligu ta' self tal-gvern [2 A.24] huwa ugwali għall-inkurżjoni nett ta' passiv fil-munita u d-depożiti (F.2) [2 A.16], flimkien ma' titoli ta' dejn [2 A.17 u 2 A.18] (F.3), flimkien ma' self (F.4) [2 A.19]. Huwa ugwali ukoll għal tranżazzjonijiet konsolidati fi strumenti tad-dejn tal-gvern.

25. It-tranżazzjonijiet f'titoli ta' dejn fuq żmien twil [2 A.25] huma ugwali għall-inkurżjoni nett ta' passiv ta' strumenti ta' dejn [2 A.24] li l-maturità oriġinali tagħhom hija ta' 'l fuq minn sena.

26. It-tranżazzjonijiet fi strumenti ta' dejn denominati f'munita nazzjonali [2 A.26] huma ugwali għall-inkurżjoni nett tal-passiv fi strumenti ta' dejn [2 A.24] denominati fil-valuta legali tal-Istat Membru.

27. It-tranżazzjonijiet fi strumenti ta' dejn denominati f'muniti tal-Istati Membru taż-żona euro [2 A.27] huma ugwali għall-inkurżjoni nett tal-passiv fi strumenti ta' dejn [2 A.24] denominati f'ecus, flimkien ma' strumenti ta' dejn denominati f'euro qabel ma dak l-Istat Membru jadotta l-euro, flimkien ma' strumenti ta' dejn denominati fil-valuta legali ta' Stat Membru taż-żona tal-euro qabel ma dak l-Istat ikun sar Membru taż-żona tal-euro.

28. It-tranżazzjonijiet fi strumenti ta' dejn denominati f'muniti oħra [2 A.28] huma ugwali għall-inkurżjoni nett ta' passiv fi strumenti ta' dejn [2 A.24] mhux inklużi [2 A.26] jew [2 A.27].

29. Flussi oħra [2 A.29] huma ugwali għall-effetti ta' rivalutazzjoni fuq id-dejn [2 A.30], flimkien ma' tibdiliet oħra fil-volum tad-dejn [2 A.33].

30. L-effetti ta' rivalutazzjoni fuq id-dejn [2 A.30] huma ugwali għall-qligħ u t-telf ta' *parteċipazzjonijiet azzjonarji* ta' kambju fi flus barranin [2 A.31], flimkien ma' effetti oħra ta' rivalutazzjoni – *valur nominali* [2 A.32].

31. Il-qligħ u t-telf ta' *parteċipazzjonijiet azzjonarji* ta' kambju fi flus barranin [2 A.31] huma ugwali għall-qligħ u t-telf ta' *parteċipazzjonijiet azzjonarji* nominali (K.7) ta' dejn [3 A.1] li jibdlu l-valur meta skambjati f'munita nazzjonali minħabba bidliet fir-rati tal-kambju tal-munita.

32. Effetti oħra ta' rivalutazzjoni – *valur nominali* [2 A.32] huma ugwali għal tibdiliet fid-dejn [2 A.34], bit-tnaqqis ta' tranżazzjonijiet fl-istrumenti tad-dejn (konsolidat) [2 A.24], bit-tnaqqis tal-qligħ u t-telf ta' *parteċipazzjonijiet azzjonarji* ta' kambju fi flus barranin [2 A.31], bit-tnaqqis ta' tibdiliet oħra fil-volum tad-dejn [2 A.33].

33. Tibdiliet oħra fil-volum tad-dejn [2 A.33] huma ugwali għal tibdiliet oħra fil-volum (K.1, K.2, K.3, K.4, K.5 u K.6) f'passiv ikklassifikati jew bħala munita u depożiti (AF.2), titoli ta' dejn (AF.3), jew self (AF.4), li mhumiex attiv ta' S.13.

34. Bidla fid-dejn tal-gvern [2 A.34] hija ugwali għad-dejn [3 A.1] fis-sena t, bit-tnaqqis tad-dejn [3 A.1] fis-sena t-1.

Tabella 2B

1. Tranżazzjonijiet fi strumenti tad-dejn tal-gvern (mhux konsolidati) [2B.1] huma ugwali għal tranżazzjonijiet mhux konsolidati f'munita u depożiti [2B.2], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'titoli ta' dejn fuq żmien qasir [2B.3], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'titoli ta' dejn għal żmien twil [2B.4], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'self mill-bank ċentrali [2B.5], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'self ieħor [2B.6].

2. Tranżazzjonijiet f'munita u depożiti [2B.2] huma ugwali għal tranżazzjonijiet mhux konsolidati f'munita u depożiti (F.2) irreġistrati fost it-tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13.

3. Tranżazzjonijiet f'titoli ta' dejn fuq żmien qasir [2B.3] huma ugwali għal tranżazzjonijiet mhux konsolidati f'titoli ta' dejn, li l-maturità oriġinali tagħhom hija ta' sena jew anqas (F.31), irreġistrati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13.

4. Tranżazzjonijiet f'titoli ta' dejn fuq żmien [2B.4] huma ugwali għal tranżazzjonijiet mhux konsolidati f'titoli ta' dejn, li l-maturità oriġinali tagħhom hija ta' aktar minn sena (F.32), irreġistrati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13.

5. Tranżazzjonijiet f'self minn bank ċentrali [2B.5] huma ugwali għal tranżazzjonijiet mhux konsolidati f'self (F.4) irreġistrati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13 u tibdiliet fl-attiv ta' S.121.

6. Tranżazzjonijiet f'self ieħor [2B.6] huma ugwali għal tranżazzjonijiet mhux konsolidati f'self (F.4) irreġistrati f'tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13 u tibdiliet fl-attiv tas-setturi ħlief S.121.

7. Tranżazzjonijiet konsolidattivi [2B.7] huma ugwali għal tranżazzjonijiet mhux konsolidattivi fi strumenti tad-dejn [2B.1], bit-tnaqqis ta' tranżazzjonijiet konsolidattivi fi strumenti tad-dejn [2 A.24].

8. Tranżazzjonijiet konsolidattivi – munita u depożiti [2B.8] huma ugwali għal tranżazzjonijiet mhux konsolidattivi f'munita u depożiti [2B.2], bit-tnaqqis ta' tranżazzjonijiet konsolidattivi f'munita u depożiti [2 A.16].

9. Tranżazzjonijiet konsolidattivi – titoli ta' dejn fuq żmien qasir [2B.9] huma ugwali għal tranżazzjonijiet mhux konsolidattivi f'titoli ta' dejn fuq żmien qasir [2B.3], bit-tnaqqis ta' tranżazzjonijiet konsolidattivi f'titoli ta' dejn fuq żmien qasir [2 A.17].

10. Tranżazzjonijiet konsolidattivi – titoli fuq żmien twil [2B.10] huma ugwali għal tranżazzjonijiet mhux konsolidattivi f'titoli ta' dejn fuq żmien twil [2B.4], bit-tnaqqis ta' tranżazzjonijiet konsolidattivi f'titoli ta' dejn fuq żmien twil [2 A.18].

11. Tranżazzjonijiet konsolidattivi – self [2B.11] huma l-istess bħal tranżazzjonijiet mhux konsolidati f'self ieħor [2B.6], bit-tnaqqis ta' tranżazzjonijiet konsolidati f'self [2 A.19] flimkien ma' tranżazzjonijiet konsolidati f'self li parti minnhom huwa self minn bank ċentrali [2 A.20].

Tabella 3A

1. Id-dejn tal-gvern (konsolidat) [3 A.1] huwa ugwali għad-dejn kif iddefinit fir-Regolament (KE) Nru 479/2009. Huwa wkoll ugwali għall-passiv konsolidat ta' S.13 fil-munita tal-istrument u d-depożiti [3 A.2], flimkien ma' titoli ta' dejn fuq żmien qasir [3 A.3], flimkien ma' titoli ta' dejn fuq żmien twil [3 A.4], flimkien ma' self mill-bank ċentrali [3 A.5], flimkien ma' self ieħor [3 A.6].

2. Id-dejn – munita u depożiti [3 A.2] huwa ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3 A.1] fil-munita u d-depożiti tal-istrument (AF.2).

3. Id-dejn – titoli ta' dejn fuq żmien qasir [3 A.3] huwa ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3 A.1] fit-titoli ta' dejn ta' strumenti li l-maturità oriġinali tagħhom hija ta' sena jew anqas (AF.31).

4. Id-dejn – titoli ta' dejn fuq żmien twil [3 A.4] huwa ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3 A.1] fit-titoli ta' dejn tal-istrument, li l-maturità oriġinali tagħhom hija ta' aktar minn sena (AF.32).

5. Id-dejn – self mill-bank ċentrali [3 A.5] huwa ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3 A.1] fis-self tal-istrument (AF.4) li huwa attiv ta' S.121.

6. Id-dejn – self ieħor [3 A.6] huwa ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3 A.1] fis-self tal-istrument (AF.4) li mhuwiex attiv ta' S.121.

7. Id-dejn miżmum minn residenti tal-Istat Membru [3 A.7] huwa ugwali għad-dejn miżmum minn bank ċentrali [3 A.8], flimkien ma' dejn miżmum minn istituzzjonijiet finanzjarji monetarji oħra [3 A.9], flimkien ma' dejn miżmum minn istituzzjonijiet finanzjarji oħra [3 A.10], flimkien ma' dejn miżmum minn residenti oħra tal-Istat Membru [3 A.11].

8. Id-dejn miżmum mill-bank ċentrali [3 A.8] huwa ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3 A.1] li huwa attiv ta' S.121.

9. Id-dejn miżmum minn istituzzjonijiet finanzjarji monetarji oħra [3 A.9] huwa ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3 A.1] li huwa attiv ta' S.122 jew S.123.

10. Id-dejn miżmum minn istituzzjonijiet finanzjarji oħra [3 A.10] huwa ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3 A.1] li huwa attiv ta' S.124, S.125, S.126, S.127, S.128 jew S.129.

11. Id-dejn miżmum minn residenti oħra [3 A.11] huwa ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3 A.1] li huwa attiv ta' S.11, S.14 jew S.15.

12. Id-dejn miżmum minn dawk li mhumiex residenti tal-Istat Membru [3 A.12] huwa l-istess bħal dik il-parti tad-dejn [3 A.1] li huwa attiv ta' S.2.

13. Id-dejn denominat f'munita nazzjonali [3 A.13] huwa ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3 A.1] denominat fil-valuta legali tal-Istat Membru.

14. Id-dejn denominat f'muniti ta' Stati Membri taż-żona tal-euro [3 A.14] huwa ugwali għal – qabel ma l-Istat Membru jsir Stat Membru taż-żona tal-euro – dik il-parti tad-dejn [3 A.1] denominat fil-valuta legali ta' wieħed mill-Istati Membri taż-żona tal-euro (minbarra munita nazzjonali [3 A.13]), flimkien ma' dejn denominat f'ecus jew euro.

15. Id-dejn denominat f'muniti oħra [3 A.15] huwa ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3 A.1] mhux inkluż f' [3 A.13] jew [3 A.14].

16. Id-dejn fuq żmien qasir [3 A.16] huwa ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3 A.1] li l-maturità oriġinali tiegħu hija ta' sena u anqas.

17. Id-dejn fuq żmien twil [3 A.17] huwa ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3 A.1] li l-maturitaà oriġinali tiegħu hija ta' aktar minn sena.

18. Id-dejn fuq żmien twil li r-rata varjabbli tal-imgħax tiegħu [3 A.18] hija ugwali għal dik il-parti tad-dejn fuq żmien twil [3 A.17] li r-rata tal-imgħax tiegħu hija varjabbli.

19. Id-dejn b'maturità residwa sa sena [3 A.19] huwa l-istess bħal dik il-parti tad-dejn [3 A.1] b'maturità residwa ta' sena u anqas.

20. Id-dejn b'maturità residwa ta' aktar minn sena u sa ħames snin [3 A.20] huwa ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3 A.1] b'maturità residwa ta' aktar minn sena u sa ħames snin.

21. Id-dejn b'maturità residwa ta' aktar minn sena u sa ħames snin li r-rata varjabbli tal-imgħax tiegħu [3 A.21] hija ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3 A.1] b'maturità residwa ta' aktar minn sena u sa ħames snin [3 A.20] li r-rata tal-imgħax tiegħu hija varjabbli.

22. Id-dejn b'maturità residwa ta' aktar minn ħames snin [3 A.22] huwa ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3 A.1] b'maturità residwa ta' aktar minn ħames snin.

23. Id-dejn b'maturità residwa ta' aktar minn ħames snin li r-rata varjabbli tal-imgħax tiegħu [3 A.23] hija ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3 A.1] b'maturità residwa ta' aktar minn ħames snin [3 A.22] li r-rata tal-imgħax tiegħu hija varjabbli.

24. Il-maturità residwa medja ta' dejn [3 A.24] hija ugwali għall-maturità residwa medja ppeżata bl-ammonti dovuti, imfissra fi snin.

25. Id-dejn tal-gvern – bonds bla imgħax [3 A.25] huma ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3 A.1] fil-forma ta' bonds bla imgħax, jiġifieri bonds mingħajr ħlasijiet perijodiċi, li l-imgħax tagħhom huwa bbażat fuq id-differenza bejn il-prezzijiet fiż-żmien tal-fidi u dak tal-ħruġ.

Tabella 3B

1. Id-dejn tal-gvern (mhux konsolidat bejn is-sottsetturi) [3B.1] huwa ugwali għall-passiv mhux konsolidat ta' S.13, eskluż (a) il-passiv ta' S.1311 li huwa simultanjament attiv ta' S.1311, (b) il-passiv ta' S.1312 li huwa simultanjament attiv ta' S.1312, (c) il-passiv ta' S.1313 li huwa simultanjament attiv ta' S.1313 u (d) l-passiv ta' S.1314 li huwa simultanjament attiv ta' S.1314, fl-istess strumenti bħad-dejn tal-gvern [3 A.1].

2. L-elementi konsolidattivi [3B.2] huma ugwali għall-passiv ta' S.13 li huwa simultanjament attiv ta' S.13 esklużi (a) il-passiv ta' S.1311 li huwa simultanjament attiv ta' S.1311, (b) il-passiv ta' S.1312 li huwa simultanjament attiv ta' S.1312, (c) il-passiv ta' S.1313 li huwa simultanjament attiv ta' S.1313 u (d) l-passiv ta' S.1314 li huwa simultanjament attiv ta' S.1314, fil-munita tal-istrument u d-depożiti [3B.3], flimkien ma' titoli ta' dejn fuq żmien qasir [3B.4], flimkien ma' titoli fuq żmien twil [3B.5], flimkien ma' self [3B.6].

3. L-elementi konsolidattivi f'munita u depożiti [3B.3] huma ugwali għal dik il-parti tal-elementi konsolidattivi [3B.2] fil-munita tal-istrument u d-depożiti (F.2).

4. L-elementi konsolidattivi f'titoli ta' dejn fuq żmien qasir [3B.4] huma ugwali għal dik il-parti tal-elementi konsolidattivi [3B.2] fit-titoli ta' dejn tal-istrument li l-maturità oriġinali tiegħu hija ta' sena jew iżjed (F.31).

5. L-elementi konsolidattivi f'titoli ta' dejn fuq żmien twil qasir [3B.5] huma ugwali għal dik il-parti tal-elementi konsolidattivi [3B.2] fit-titoli ta' dejn tal-istrument, li l-maturità oriġinali tiegħu hija ta' aktar minn sena (F.32).

6. L-elementi konsolidattivi f'self [3B.6] huma ugwali għal dik il-parti tal-elementi konsolidattivi [3B.2] fis-self tal-istrument (F.4).

7. Id-dejn maħruġ mill-gvern ċentrali (konsolidat) [3B.7] huwa ugwali għall-passiv ta' S.1311, li mhumiex attiv ta' S.1311, fl-istess strumenti bħad-dejn [3 A.1].

8. Id-dejn maħruġ mill-gvern ċentrali li parti minnu huwa miżmum minn sottosetturi oħra tal-gvern [3B.8] huwa ugwali għall-passiv ta' S.1311 li huwa attiv ta' S.1312, S.1313 jew S.1314, fl-istess strumenti bħad-dejn [3 A.1].

9. Id-dejn maħruġ mill-gvern statali (konsolidat) [3B.9] huwa l-istess bħall-passiv ta' S.1312, li mhuwiex attiv ta' S.1312, fl-istess strumenti bħad-dejn [3 A.1].

10. Id-dejn maħruġ mill-gvern statali li parti minnu huwa miżmum minn sottosetturi oħra tal-gvern [3B.10] huwa ugwali għall-passiv ta' S.1312 li huwa attiv ta' S.1311, S.1313 jew S.1314, fl-istess strumenti bħad-dejn [3 A.1].

11. Id-dejn maħruġ mill-gvern lokali (konsolidat) [3B.11] huwa l-istess bħall-passiv ta' S.1313, li mhuwiex attiv ta' S.1313, fl-istess strumenti bħad-dejn [3 A.1].

12. Id-dejn maħruġ mill-gvern lokali li parti minnu huwa miżmum minn sottosetturi oħra tal-gvern [3B.12] huwa ugwali għall-passiv ta' S.1313 li huwa attiv ta' S.1311, S.1312 jew S.1314, fl-istess strumenti bħad-dejn [3 A.1].

13. Id-dejn maħruġ mill-fondi tas-sigurtà soċjali (konsolidat) [3B.13] huwa ugwali għall-passiv ta' S.1314, li mhuwiex attiv ta' S.1314, fl-istess strumenti bħad-dejn [3 A.1].

14. Id-dejn maħruġ minn fondi tas-sigurtà soċjali li parti minnu huwa miżmum minn sottosetturi oħra tal-gvern [3B.14] huwa ugwali għall-passiv ta' S.1314 li huwa attiv ta' S.1311, S.1312 jew S.1313, fl-istess strumenti bħad-dejn [3 A.1].

15. *Il-parteċipazzjonijiet azzjonarji* mill-gvern ċentrali ta' dejn maħruġa skont unitajiet f'subsetturi oħra tal-gvern [3B.15] huma ugwali għall-passiv ta' S.1312, S.1313 jew S.1314 li huma attiv ta' S.1311, fl-istess strumenti bħad-dejn [3 A.1].

16. *Il-parteċipazzjonijiet azzjonarji* mill-gvern statali ta' dejn maħruġin skont unitajiet f'subsetturi oħra tal-gvern [3B.16] huma ugwali għall-passiv ta' S.1311, S.1313 jew S.1314 li huma attiv ta' S.1312, fl-istess strumenti bħad-dejn [3 A.1].

17. *Il-parteċipazzjonijiet azzjonarji* mill-gvern lokali ta' dejn maħruġin skont unitajiet f'subsetturi oħra tal-gvern [3B.17] huma ugwali għall-passiv ta' S.1311, S.1312 jew S.1314 li huma attiv ta' S.1313, fl-istess strumenti bħad-dejn [3 A.1].

18. *Il-parteċipazzjonijiet azzjonarji* minn fondi tas-sigurtà soċjali ta' dejn maħruġa minn taqsimiet f'subsetturi oħra tal-gvern [3B.18] huma ugwali għall-passiv ta' S.1311, S.1312 jew S.1313 li huma attiv ta' S.1314, fl-istess strumenti bħad-dejn [3 A.1].

ANNESS III

TRASMISSJONI TA' DEJTA LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jużaw il-faċilitajiet ipprovduti mis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) li tiddependi mill-infrastruttura tal-IT tas-SEBĊ għat-trasmissjoni elettronika tat-tagħrif statistiku mitlub mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE). L-iskambju tad-dejta fi ħdan is-SEBĊ għandu jkun ibbażat fuq il-format Statistical Data *and Metadata eXchange*. Dan l-obbligu ma jżommx lura milli jintużaw xi mezzi oħra ta' trasmissjoni ta' tagħrif statistiku lill-BĊE bħala soluzzjoni alternattiva miftiehma.

Il-BĊNi josservaw ir-rakkomandazzjonijiet elenkati aktar 'l isfel sabiex jiżguraw illi t-trasmissjoni tad-dejta tiffunzjona b'mod sodisfaċenti.

— Kompletezza: Il-BĊNi jirrapportaw il-*keys* kollha mitluba f'serje. In-nuqqas ta' rapportar ta' *keys* f'serje jew ta' *keys* f'serje li mhumiex irreġistrati jitqies bħala rapportar mhux komplut. F'każ ta' nuqqas ta' osservazzjoni, l-omissjoni tiġi rreġistrata permezz tal-bandiera tal-istatus ta' osservazzjoni rispettiva.

— L-identitajiet tal-kontabilità u l-konvenzjoni tas-sinjali tad-dejta: ir-regoli tal-validazzjoni għandhom jiġu implimentati mill-BĊNi qabel ma d-dejta tiġi trasmessa lill-BĊE.

Fejn ir-reviżjonijiet isiru biss lil subsett ta' *keys* f'serje, ir-regoli tal-validazzjoni huma applikati għar-rapport kollu.

ANNESS IV

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Linja Gwida BĊE/2009/20	Din il-Linja Gwida
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2(1)	Artikolu 2(1)
Artikolu 2(2)	Artikolu 2(3)
Artikolu 2(3)	Artikolu 2(2)
Artikolu 2(4)	Artikolu 2(5)
Artikolu 2(5)	Artikolu 2(6)
Artikoli 3 - 8	Artikoli 3 – 8
Artikolu 9(1)	Artikolu 10(2)
Artikolu 9(2)	Artikolu 9(1)
Artikolu 9(3)	Artikolu 9(2)
Artikolu 10	Artikolu 10(1)
—	Artikolu 10(3)
Annessi I-III	Annessi I-III

LINJA GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-25 ta' Lulju 2013

dwar ir-rekwiżiti ta' rapportar tal-istatistika tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-kontijiet finanzjarji trimestrali

(riformulazzjoni)

(BĊE/2013/24)

(2014/3/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 5.1 u 5.2, l-Artikolu 12.1 u l-Artikolu 14.3 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Linja Gwida BĊE/2002/7 tal-21 ta' Novembru 2002 dwar ir-rappurtar tal-istatistika meħtieġ mill-BĊE fil-qasam tal-kontijiet finanzjarji għal kull trimestru trimestrutrimestrali ([1]) ġiet emendata bosta drabi b'mod sinifikanti. Billi għandhom isiru emendi ulterjuri, għandha tiġi fformulata mill-ġdid għall-finijiet ta' ċarezza.

(2) Biex twettaq il-kompiti tagħha, is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) teħtieġ kontijiet finanzjarji trimestrali komprensivi u affidabbli skont is-settur istituzzjonali, li jinkludu kemm is-settijiet ta' dejta nazzjonali kif ukoll l-aggregati taż-żona tal-euro.

(3) Parti mill-informazzjoni meħtieġa sabiex jintlaħqu r-rekwiżiti statistiċi tas-SEBĊ fil-qasam tal-kontijiet finanzjarji trimestrali għaż-żona tal-euro hija kkumpilata minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħrajn apparti l-banek ċentrali nazzjonali (BĊN). L-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew ([2]) jobbliga lill-Istati Membri sabiex jorganizzaw ruħhom fil-qasam tal-istatistika u jikkoperaw bis-sħiħ mas-SEBĊ sabiex jiżguraw it-twettiq tal-obbligi li joħorġu mill-Artikolu 5 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew.

(4) Għal raġunijiet ta' konsistenza, ir-rekwiżiti tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) fil-qasam tal-kontijiet finanzjarji trimestrali għandhom ikunu bbażati fuq l-istandards tal-istatistika tal-Unjoni stabbiliti mir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea ([3]) (minn hawn 'il quddiem l-"ESA 2010").

(5) Dejta supplimentari tal-kontijiet finanzjarji nazzjonali trimestrali għandhom jiġu pprovduti b'puntwalità suffiċjenti sabiex jippermettu l-kumpilazzjoni ta' sett integrat ta' kontijiet finanzjarji u mhux finanzjarji trimestrali taż-żona tal-euro li jkun xieraq għall-finijiet tal-politika monetarja.

(6) Barra minn hekk, il-kontijiet finanzjarji nazzjonali trimestrali qegħdin jintużaw dejjem aktar għal skopijiet oħrajn, li jinkludu l-analiżi makroprudenzjali u l-immonitorjar ta' żbilanċi eċċessivi. Dawn l-attivitajiet, kif ukoll attivitajiet oħra fil-qasam tal-kooperazzjoni internazzjonali u r-riċerka, se jiġu ffaċilitati permezz tal-pubblikazzjoni mill-BĊE tal-aggregati relevanti taż-żona tal-euro kkumpilati fuq il-bażi ta' din il-Linja Gwida u d-dejta nazzjonali miġbura f'dan ir-rigward.

(7) Sabiex jinftehmu aħjar l-interkonnessjonijiet bejn is-setturi istituzzjonali, il-kontijiet finanzjarji nazzjonali trimestrali għandhom jinkludu informazzjoni tas-settur korrispondenti (imsejħa wkoll "informazzjoni mingħand min għal għand min (w-t-w)") dwar assi u passiv finanzjarji.

(8) Sabiex jinftiehem aħjar l-impatt tar-rivalutazzjonijiet fuq il-karti tal-bilanċ, is-sett sħiħ tad-dejta tal-kontijiet finanzjarji nazzjonali trimestrali għandu jinkludi wkoll rendikont tal-hekk imsejħa "flussi oħra" f'"rivalutazzjonijiet" u "bidliet oħrajn fil-volum".

(9) Il-BĊE, f'kooperazzjoni mal-BĊNi, se jkompli jtejjeb il-metodi u s-sorsi użati sabiex tinġabar dejta ta' kontijiet finanzjarji nazzjonali trimestrali, bil-ħsieb li tittejjeb il-kwalità tad-dejta, l-iskambju tal-aħjar prattiċi, u sabiex tinftiehem aħjar ir-relazzjoni bejn id-dejta trasmessa lill-BĊE skont id-diversi strumenti legali tal-BĊE.

(10) L-evalwazzjoni tal-kwalità tal-kontijiet finanzjari trimestrali taż-żona tal-euro skont is-settur istituzzjonali għandha ssir skont il-Qafas ta' Kwalità Statistika tal-BĊE ([4]). Il-BĊNi, b'kooperazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti oħrajn, fejn xieraq, għandhom jevalwaw ukoll il-kwalità tad-dejta li huma jipprovdu lill-BĊE.

(11) Skont l-Artikolu 3a tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 u l-Impenn pubbliku dwar l-Istatistika Ewropea mis-SEBĊ ([5]), l-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid ta' statistika

([1]) ĠU L 334, 11.12.2002, p. 24.
([2]) ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8.
([3]) ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1.

([4]) Disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu.
([5]) Disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-BĊE.

Ewropea mis-SEBĊ huma rregolati mill-prinċipji ta' imparzjalità, oġġettività, indipendenza professjonali, kost-effettività, kunfidenzjalità statistika, it-tnaqqis tal-piż tar-rapportar u produzzjoni ta' kwalità għolja.

(12) Skont l-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98, it-trażmissjoni ta' informazzjoni statistika kunfidenzjali fi ħdan is-SEBĊ tista' sseħħ sal-punt u fil-livell ta' dettall neċessarju għall-eżerċitar tal-kompiti tas-SEBĊ msemmija fit-Trattat. Meta awtoritajiet kompetenti oħrajn minbarra l-BĊN ikunu s-sors ta' tagħrif statistiku indikat bħala kunfidenzjali, dak it-tagħrif statistiku kunfidenzjali għandu jintuża mill-BĊE skont ir-Regolament (KE) Nru 2533/98.

(13) Huwa meħtieġ li tiġi stabbilita proċedura biex isiru emendi tekniċi għall-annessi ta' din il-Linja Gwida b'mod effettiv, kemm-il darba dawn l-emendi la jbiddlu l-qafas kunċettwali sottostanti, u lanqas ma jaffettwaw il-piż tar-rapportar. Għandhom jitqiesu l-fehmiet tal-Kumitat tal-Istatistika tas-SEBĊ meta tiġi segwita din il-proċedura. Il-BĊNi jistgħu jipproponu tali emendi tekniċi lill-annessi permezz tal-Kumitat tal-Istatistika,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din il-Linja Gwida:

1. "żona tal-euro" tfisser it-territorju tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro, il-BĊE u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà;

2. "Stat Membru fiż-żona tal-euro" tfisser Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro;

3. "dejta nazzjonali" tfisser dejta li tikkorrispondi għall-kaxxi kollha fit-Tabelli 1 sa 9 tal-Anness I;

4. '"dejta supplimentari" tfisser dejta li tikkorrispondi għall-kaxxi bl-iswed fit-Tabelli 1, 2, 4 u 5 tal-Anness I;

5. "trimestru ta' referenza" tfisser l-aħħar osservazzjoni trimestrali tas-serje tal-ħin li trid tiġi rrapportata.

Artikolu 2

Obbligi ta' rapportar statistiku tal-BĊNi

1. Il-BĊNi għandhom jirrapportaw lill-BĊE id-dejta speċifikata fl-Anness I fuq bażi kalendarja trimestrali li tibda f'Settembru 2014. Id-dejta għandha tkun konformi mal-prinċipji u d-definizzjonijiet tal-ESA 2010.

2. Ir-rekwiżiti tad-"dejta supplimentari" għandhom ikopru tranżazzjonijiet u stokks għall-perijodu mill-aħħar trimestru trimestrutal-2012 sat-trimestru trimestruta' referenza. Tali dejta supplimentari għandha tiġi rrapportata fuq bażi tal-aħjar stima, u r-rekwiżiti tad-dejta supplimentari speċifikati fil-kolonni "H", "H.1" u "H.2" tat-Tabelli 1, 2, 4 u 5 tal-Anness I (dejta supplimentari tirreferi għas-settur tal-gvern u s-subsetturi tiegħu) għandhom jiġu rrapportati fuq bażi volontarja.

3. Ir-rekwiżiti tad-"dejta nazzjonali" speċifikati fit-Tabelli 1-5 tal-Anness I għandhom jinkludu:

(a) tranżazzjonijiet, stokks u bidliet oħrajn fil-volum tad-dejta (tranżazzjonijiet u stokks biss għal-linja 33 tat-Tabella 2 "tranżazzjonijiet finanzjarji netti/valur finanzjarju nett") għall-perijodu mill-aħħar trimestru tal-2012 sat-trimestru ta' referenza; u

(b) tranżazzjonijiet u dejta tal-istokks għall-perijodu mill-ewwel trimestru tal-1999 sat-tielet trimestru tal-2012. Tali dejta għandha tiġi rrapportata fuq bażi tal-aħjar stima, u r-rekwiżiti tad-dejta speċifikati fil-kolonni 'J' u 'K' tat-Tabelli 1 u 2 tal-Anness I (ir-rendikont ta' unitajiet domestiċi u istituzzjonijiet mingħajr profitt li jservu lil unitajiet domestiċi) għandhom jiġu rrapportati fuq bażi volontarja.

4. Ir-rekwiżiti tad-"dejta nazzjonali" speċifikati fit-Tabelli 6 sa 9 tal-Anness I għandhom jinkludu tranżazzjonijiet, stokks u bidliet oħrajn fid-dejta tal-volumi għall-perijodu mill-aħħar trimestru tal-2013 sat-trimestru ta' referenza.

5. Is-setturi korrispondenti "taż-żona tal-euro ħlief għal dawk domestiċi" u "residenti barra miż-żona tal-euro" speċifikati fir-ringieli 12-21 tat-Tabelli 3-9 tal-Anness I għandhom jiġu aġġustati b'mod xieraq biex jirriflettu l-kompożizzjoni taż-żona tal-euro fid-data tar-rapportar. Dan l-aġġustament għandu jsir kull meta Stat Membru jadotta l-euro. Id-dejta għandha tiġi riveduta skont ir-rekwiżiti tad-dejta differenzjati kif speċifikat fil-paragrafi 3 u 4, fuq il-bażi tal-aħjar stima.

6. B'eżenzjoni mill-paragrafi 1 sa 5, il-BĊNi mhumiex meħtieġa:

(a) li jittrasmettu dejta dwar trimestri qabel l-ewwel trimestru tas-sena li fiha l-Istat Membru rilevanti daħal fl-Unjoni Ewropea;

(b) li jittrasmettu d-dejta msemmija fil-paragrafu 3(b) qabel Settembru 2017;

(c) li jittrasmettu d-dejta msemmija fil-paragrafu 4 qabel Settembru 2015.

7. Ir-rekwiżiti tad-dejta stabbiliti fil-paragrafi 3 sa 5 għandhom ikunu akkumpanjati minn informazzjoni ta' spjegazzjoni dwar:

(a) avvenimenti kbar individwali osservati għat-trimestru ta' referenza jekk il-kobor ta' tali avvenimenti kbar individwali ikun mill-inqas 0,2 % tal-prodott domestiku gross trimestrali taż-żona tal-euro, jew jekk il-BĊE jitlob tali informazzjoni; u

(b) raġunijiet għar-reviżjoni kkomparati mad-"dejta nazzjonali" l-iktar riċenti rrapportata lill-BĊE fil-qafas ta' din il-Linja Gwida, jekk il-kobor tal-bidliet fid-dejta kkawżati minn dawk ir-reviżjonijiet ikun ta' mill-inqas 0,2 % tal-prodott domestiku gross trimestrali taż-żona tal-euro, jew jekk il-BĊE jitlob tali informazzjoni.

Artikolu 3

Trażmissjoni u pubblikazzjoni tad-dejta mill-BĊE

1. Il-BĊE għandu jibgħat lill-BĊN l-aggregati taż-żona tal-euro li huwa jippubblika, kif ukoll id-"dejta nazzjonali" miġbura taħt l-Artikolu 2, kif deskritta fil-paragrafi 3 sa 5 tiegħu.

2. Il-BĊE għandu jippubblika l-aggregati fiż-żona tal-euro li huwa jiġbor, kif ukoll id-"dejta nazzjonali" miġbura taħt l-Artikolu 2, kif deskritta fil-paragrafi 3 sa 5 tiegħu, meqjusa bħala relevanti mill-Kumitat tal-Istatistika, ħlief għad-dejta dwar il-kaxxi fir-ringieli 12-21 tat-Tabelli 3 sa 9 tal-Anness I (li tirreferi għas-setturi kontropartijiet "taż-żona tal-euro ħlief għal dawk domestiċi" u "residenti barra miż-żona tal-euro").

3. Il-pubblikazzjoni ta' "dejta nazzjonali" għandha tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) "dejta nazzjonali" m'għandhiex tkun ippubblikata iktar kmieni minn sebat ijiem wara l-iskadenza tat-terminu tat-trażmissjoni stabbilit fl-Artikolu 4; u

(b) "dejta nazzjonali" li tirreferi għas-settur tal-gvern m'għandhiex tiġi ppubblikata f'April u f'Ottubru ta' kull sena qabel l-iżbilanċ attwali tal-gvern u d-dejta għad-djun għall-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv ikun ġie ppubblikat mill-Kummissjoni Ewropea skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ([1]), kif emendat; u

(c) id-"dejta nazzjonali" msemmija fl-Artikolu 2(3)(b) għandha tkun ippubblikata flimkien ma' tagħrif li jindika li huma proviżorji u/jew stmati, kif xieraq. Dan it-trattament jista' jiġi estiż għal "dejta nazzjonali" oħra miġbura taħt l-Artikolu 2, kif deskritt fil-paragrafi 3 sa 5, fuq talba ġustifikata mill-BĊN li jirrapporta.

Artikolu 4

Tempestività

1. Id-"dejta supplimentari" deskritta fl-Artikolu 2(2) għandha tiġi rrapportata lill-BĊE fi żmien perijodu li m'għandux jeċċedi 85 jum tal-kalendarju wara tmiem it-trimestru ta' referenza. B'bidu mill-ewwel trażmissjoni fl-2017, id-"dejta supplimentari" għandha tiġi rrapportata lill-BĊE fi żmien perijodu li m'għandux jeċċedi 82 jum tal-kalendarju wara tmiem it-trimestru ta' referenza.

2. Id-"dejta nazzjonali" deskritta fl-Artikolu 2(3) sa (5) u l-metadejta ta' spjegazzjoni deskritta fl-Artikolu 2(7) għandha tiġi rrapportata lill-BĊE fi żmien perijodu li m'għandux jeċċedi 100 jum tal-kalendarju wara tmiem it-trimestru ta' referenza. B'bidu mill-ewwel trażmissjoni fl-2017, id-"dejta nazzjonali" u l-metadejta assoċjata għandhom jiġu rrapportati lill-BĊE fi żmien perijodu li m'għandux jeċċedi 97 jum tal-kalendarju wara tmiem it-trimestru ta' referenza.

3. Id-dejta deskritta fl-Artikolu 3(1) għandha tiġi trasmessa lill-BĊN mill-BĊE sa mhux iktar tard mill-jum tax-xogħol tal-BĊE li jaħbat l-għada li fih il-BĊE jippubblika d-dejta.

Artikolu 5

Kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti

1. Meta s-sorsi tad-dejta jew l-informazzjoni kollha jew partijiet minnha deskritti fl-Artikolu 2 jaqgħu taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet nazzjonali li mhumiex il-BĊN, il-BĊN għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jistabbilixxu arranġamenti ta' kooperazzjoni permanenti ma' dawk l-awtoritajiet li jiżguraw trażmissjoni ta' dejta konformi mal-istandards u r-rekwiżiti stabbiliti f'din il-Linja Gwida, sakemm l-istess riżultat ma jkunx diġà ntlaħaq abbażi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti.

2. Meta matul din il-kooperazzjoni BĊN ma jkunx jista' jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 2 u 4 għaliex l-awtorità nazzjonali kompetenti ma tkunx ipprovdiet lill-BĊN bid-dejta jew l-informazzjoni meħtieġa, il-BĊE u l-BĊN għandhom jirrevedu l-kwistjoni flimkien ma' dik l-awtorità nazzjonali bil-għan li jiġi żgurat li l-informazzjoni tkun disponibbli fil-ħin.

Artikolu 6

Standard ta' trażmissjoni

It-tagħrif statistiku mitlub għandu jitpoġġa għad-dispożizzjoni tal-BĊE f'forma li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II. Dan ir-rekwiżit ma jwaqqafx l-użu ta' xi mezzi oħra għat-trażmissjoni ta' tagħrif statistiku lill-BĊE bħala soluzzjoni alternattiva miftiehma bejn il-BĊE u xi BĊN.

Artikolu 7

Kwalità

1. Il-BĊE u l-BĊN għandhom jimmonitorjaw u jippromwovu l-kwalità tad-dejta rrapportata lill-BĊE.

2. Il-Bord Eżekuttiv tal-BĊE għandu jirrapporta kull sena lill-Kunsill Governattiv tal-BĊE dwar il-kwalità tal-kontijiet finanzjarji trimestrali. Ir-rapport għandu mill-inqas jindirizza l-kopertura tad-dejta, il-limitu sa fejn dawn ikunu konformi mad-definizzjonijiet relevanti, u d-daqs tar-reviżjonijiet.

Artikolu 8

Proċedura ssimplifikata ta' emenda

Wara li jikkunsidra l-fehmiet tal-Kumitat tal-Istatistika, il-Bord Eżekuttiv tal-BĊE għandu jkun intitolat li jagħmel emendi tekniċi lill-annessi ta' din il-Linja Gwida, kemm-il darba dawk l-emendi la jbiddlu l-qafas kunċettwali sottostanti, u lanqas ma jaffettwaw il-piż tar-rapportar. Il-Bord Eżekuttiv għandu jinforma lill-Kunsill Governattiv b'kull emenda bħal din mingħajr dewmien żejjed.

Artikolu 9

Revoka

Il-Linja Gwida BĊE/2002/7 hija rrevokata mill-1 ta' Settembru 2014. Referenzi għal-Linja Gwida revokata għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din il-Linja Gwida.

([1]) ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1.

Artikolu 10

Dispożizzjonijiet finali

1. Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

2. Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2014.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-25 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE
Il-President tal-BĊE
Mario DRAGHI

ANNESS I

REKWIŻITI TA' RAPPORTAR TAD-DEJTA

Sommarju rar-rekwiżiti tad-dejta

Artikolu	Kontenut	Tabelli	Tip ta' dejta			Perjodu ta' referenza	L-ewwel data ta' rapportar	Tempestività	Osservazzjonijiet
			Stokks	Tranżazz-jonijiet	Bidliet ohra fil-volum				
2(2) 4(1)	Dejta supplimentari; kaxxi b'kulur iswed biss	T1 — attiv T2 — passiv T4 — self għal żmien qasir (w-t-w) T5 — self għal żmien twil (w-t-w)	✓	✓		2012K4 'il quddiem	Sett2014	Sa Diċembru 2016: t+85 Mill-2017 'il quddiem: t+82	— L-aħjar stimi — Kaxxi b'kulur iswed f'kolonni H, H.1 u H.2 fuq bażi volontarja
2(3)(a) 2(5) 3(2) 3(3) (a), (b) 4(2)	Dejta nazzjonali; il-kaxxi kollha	T1 — attiv T2 — passiv T3 — depożiti (w-t-w) T4 — self għal żmien qasir (w-t-w) T5 — self għal żmien twil (w-t-w)	✓	✓	✓	2012K4 'il quddiem	Sett2014	Sa Diċembru 2016: t+100 Minn Marzu 2017 'il quddiem: t+97	— Akkumpanjata minn metadejta — dejta f'ringieli 12-21 ta' T3-T5 biex jiġu aġġustati sabiex jirriflettu l-kompożizzjoni taż-żona tal-euro; bażi tal-aħjar stima — id-dejta fir-ringieli 12-21 ta' T3-T5 m'għandhiex tiġi ppubblikata
2(3) **(b)** 2(5) 3(2) 3(3)(c) 4(2)	Dejta nazzjonali; il-kaxxi kollha	T1 — attiv T2 — passiv T3 — depożiti (w-t-w) T4 — self għal żmien qasir (w-t-w) T5 — self għal żmien twil (w-t-w)	✓	✓		1999K1-2012K3	Sett2017	Sa Diċembru 2016: t+100 Minn Marzu 2017 'il quddiem: t+97	— L-aħjar stimi — kolonni J, K ta' T1 u T2 fuq bażi volontarja — Akkompanjata minn metadejta — dejta f'ringieli 12-21 ta' T3-T5 biex jiġu aġġustati sabiex jirriflettu l-kompożizzjoni taż-żona tal-euro; bażi tal-aħjar stima — id-dejta fir-ringieli 12-21 ta' T3-T5 m'għandhiex tiġi ppubblikata
2(4) 2(5) 3.(2) 3(3) (a), (b) 4(2)	Dejta nazzjonali; il-kaxxi kollha	T6 — titoli ta' dejn għal żmien qasir (w-t-w) T7 — titoli ta' dejn għal żmien qasir (w-t-w) T8 — ishma elenkati (w-t-w) T9 — ishma ta' fond ta' investiment (w-t-w)	✓	✓	✓	2013K4 'il quddiem	Sett2015	Sa Diċembru 2016: t+100 Minn Marzu 2017 'il quddiem: t+97	— Akkompanjata minn metadejta — id-dejta fir-ringieli 12-21 ta' T3-T5 għandha tiġi aġġustata sabiex tirrifletti l-kompożizzjoni taż-żona tal-euro; bażi tal-aħjar stima — id-dejta fir-ringieli 12-21 ta' T3-T5 m'għandhiex tiġi ppubblikata

Tabella 1

Assi finanzjarji (1), (2)

	Setur tal-kreditur / Strument finanzjarju	A	B	C	D	E	F.	G	H	H.1	H.2	I	J	K	L
		Residenti													
									Gvern Ġenerali			Unitajiet domestiċi u NPISHs (5)			
		Totali (S.1)	Korporazzjonijiet Mhux Finanzjarji (S.11)	IFM (3) (S.121+…+ S.123)	Mhux fondi ta' investiment (4) tal-MMF (S.124)	Istituzzjonijiet finanzjarji ohrajn (S.125+…+ S.127)	Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128)	Fondi tal-pensjoni (S.129)	Totali (S.13)	Gvern ċentrali (S.1311)	Fondi tas-sigurtà soċjali (S.1314)	Total (S14+S15)	Unitajiet Domestiċi (S.14)	NPISHs (5) (S.15)	Il-Bqija Tad-Dinja (S.2)
1	Assi totali (F)														
2	Deheb monetarju u SDRs (F.1)														
3	Deheb monetarju (F.11)														
4	Drittijiet speċjali ta' prelevament (F.12)														
5	Flus u depożiti (F.2)														
6	Flus (F.21)														
7	Depożiti (F.22+F.29)														
8	Depożiti trasferibbli (F.22)														
9	Depożiti oħra (F.29)														
10	Titoli tad-dejn (F.3)														
11	Titoli ta' dejn fuq perjodu ta' żmien qasir (F.31)														
12	Titoli ta' dejn fuq perjodu ta' żmien twil (F.32)														
13	Self (F.4)														
14	Self għal perijodu qasir (F.41)														
15	Self għal perijodu qasir (F.42)														
16	Ekwità u ishma ta' fondi ta' investiment (F.5)														
17	Ekwità (F.51)														
18	Ishma kkwotati (F.511)														
19	Ishma mhux ikkwotati u ekwità oħra (F.512+F.519)														

	Setur tal-kreditur / Strument finanzjarju	A	B	C	D	E	F.	G	H	H.1	H.2	I	J	K	L
		Residenti													
		Totali (S.1)	Korporazzjonijiet Mhux Finanzjarji (S.11)	IFM ([3]) (S.121+…+ S.123)	Mhux fondi ta' investiment ([4]) tal-MMF (S.124)	Istituzzjonijiet finanzjarji ohrajn (S.125+…+ S.127)	Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128)	Fondi tal-pensjoni (S.129)	Gvern Ġenerali			Unitajiet domestiċi u NPISHs ([5])			Il-Bqija Tad-Dinja (S.2)
									Totali (S.13)	Gvern ċentrali (S.1311)	Fondi tas-sigurtà soċjali (S.1314)	Total (S14+S15)	Unitajiet Domestiċi (S.14)	NPISHs ([5]) (S.15)	
20	Ishma mhux ikkwotati (F.512)														
21	Ekwità oħra (F.519)														
22	Ishma ta' fondi ta' investiment (F.52)														
23	Ishma ta' MMF (F.521)														
24	Ishma f'fond ta' investiment mhux ta' MMF (F.522)														
25	Skemi tal-assigurazzjoni, tal-pensjoni u ta' garanziji standardizzati (F.6)														
26	Riżervi tekniċi ta' assigurazzjoni mhux tal-ħajja (F. 61) u Provvediment għal sejħiet taħt garanziji standardizzati (F.66)														
27	Assigurazzjoni fuq il-ħajja u intitolamenti ta' annwalità (F.62)														
28	Drittijiet għal pensjoni (F. 63), talbiet ta' fondi tal-pensjoni fuq il-maniġers tal-pensjonijiet (F.64), intitolamenti għal benefiċċji mhux ta' pensjoni (F.65)														
29	Derivattivi finanzjarji u opzjonijiet ta' stokks tal-impjegati (F.7)														
30	Kontijiet oħra riċevibbli (F.8)														
31	Krediti u avvanzi kummerċjali (F.81)														
32	Kontijiet oħra riċevibbli, minbarra l-krediti u l-avvanzi kummerċjali (F.89)														

([1]) L-obbligi tad-dejta għall-istokks, transazzjonijiet u bidliet oħrajn fil-valur huma identiċi, ħlief għad-deheb monetarju (F.11) bħala element ta' assi għall-bqija tad-dinja, li jintalab biss għal transazzjonijiet u bidliet oħrajn fil-volum.
([2]) Il-kodiċi ESA 2010 jintużaw biex jiġu kklassifikati setturi istituzzjonali (Kapitolu 2 tal-ESA 2010) u transazzjonijiet finanzjarji, bidliet oħrajn fil-volum u karti tal-bilanċ (Kapitolu 5, 6 u 7 tal-ESA 2010).
([3]) Istituzzjonijiet monetarji finanzjarji (IFM; S.121+S.122+S.123)
([4]) Fondi tas-swieq tal-flus (MMF; S.123)
([5]) Istituzzjonijiet li ma għandhomx l-għan li jagħmlu profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi (NPISHs; S.15)

Tabella 2

Passiv ([1]), ([2])

	Setur tad-debitur / Strument finanzjarju	A	B	C	D	E	F	G	H	H.1	H.2	I	J	K	L
		Residenti													Il-Bqija tad-dinja (S.2)
		Total (S.1)	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)	IFM ([8]) (S.121+…+S.123)	Mhux fondi ta' investiment ([9]) tal-MMF (S.124)	Istituzzjonijiet finanzjarji ohrajn (S.125+...+S.127)	Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128)	Fondi tal-pensjoni (S.129)	Gvern Ġenerali			Unitajiet domestiċi u NPISHs ([5])			
									Totali (S.13)	Gvern ċentrali (S.1311)	Fondi tas-sigurtà soċjali (S.1314)	Total (S14+S15)	Unitajiet domestiċi (S.14)	NPISHs ([5]) (S.15)	
1	Passiv totali (F)														
2	Deheb monetarju u SDRs (F.1)														
3	Deheb monetarju (F.11)														
4	Drittijiet speċjali ta' prelevament (F.12)														
5	Flus u depożiti (F.2)														
6	Flus (F.21)														
7	Depożiti (F.22+F.29)														
8	Depożiti trasferibbli (F.22)														
9	Depożiti oħra (F.29)														
10	Titoli ta' dejn (F.3)														
11	Titoli ta' dejn fuq perjodu ta' żmien qasir (F.31)														
12	Titoli ta' dejn fuq perjodu ta' żmien twil (F.32)														
13	Self (F.4)														
14	Self għal perijodu qasir (F.41)														
15	Self għal perijodu qasir (F.42)														
16	Ekwità u ishma ta' fondi ta' investiment (F.5)														
17	Ekwità (F.51)														
18	Ishma kkwotati (F.511)														
19	Ishma mhux ikkwotati u ekwità oħra (F.512+F.519)														

	Strument finanzjarju / Setur tad-debitur	A	B	C	D	E	F	G	H	H.1	H.2	I	J	K	L
		Residenti													
									Gvern Ġenerali			Unitajiet domestiċi u NPISHs [5]			
		Total (S.1)	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)	IFM [8] (S.121+…+S.123)	Mhux fondi ta' investiment [9] tal-MMF (S.124)	Istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn (S.125+...+S.127)	Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128)	Fondi tal-pensjoni (S.129)	Totali (S.13)	Gvern ċentrali (S.1311)	Fondi tas-sigurtà soċjali (S.1314)	Total (S14+S15)	Unitajiet domestiċi (S.14)	NPISHs [5] (S.15)	Il-Bqija tad-dinja (S.2)
20	Ishma mhux ikkwotati (F.512)														
21	Ekwità oħra (F.519)														
22	Ishma ta' fondi ta' investiment (F.52)														
23	Ishma ta' MMF (F.521)														
24	Ishma f'fond ta' investiment mhux ta' MMF (F.522)														
25	Skemi tal-assigurazzjoni, tal-pensjoni u ta' garanziji standardizzati (F.6)														
26	Riżervi tekniċi ta' assigurazzjoni mhux tal-ħajja (F. 61) u Provvediment għal sejħiet taħt garanziji standardizzati (F.66)														
27	Assigurazzjoni fuq il-ħajja u intitolamenti ta' annwalità (F.62)														
28	Drittijiet għal pensjoni (F. 63), talbiet ta' fondi tal-pensjoni fuq il-maniġers tal-pensjonijiet (F.64), intitolamenti għal benefiċċji mhux ta' pensjoni (F.65)														
29	Derivattivi finanzjarji u opzjonijiet ta' stokks tal-impjegati (F.7)														
30	Kontijiet oħra pagabbli (F.8)														
31	Krediti u avvanzi kummerċjali (F.81)														
32	Kontijiet oħra riċevibbli, minbarra l-krediti u l-avvanzi kummerċjali (F.89)														
33	Transazzjonijiet finanzjarji netti/valur finanzjarju nett														

(1) L-obbligi tad-dejta għall-istokks, transazzjonijiet u bidliet oħrajn fil-valur huma identiċi, ħlief għad-deheb monetarju (F.11) bħala element ta' assi għall-bqija tad-dinja, li jintalab biss għal transazzjonijiet u bidliet oħrajn fil-volum.
(2) Il-kodiċi ESA 2010 jintużaw biex jiġu kklassifikati setturi istituzzjonali (Kapitolu 2 tal-ESA 2010) u transazzjonijiet finanzjarji, bidliet oħrajn fil-volum u karti tal-bilanċ (Kapitolu 5, 6 u 7 tal-ESA 2010).
(3) Istituzzjonijiet monetarji finanzjarji (IFM; S.121+S.122+S.123)
(4) Fondi tas-swieq tal-flus (MMF; S.123)
(5) Istituzzjonijiet li ma għandhomx l-għan li jagħmlu profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi (NPISHs; S.15)

Tabella 3

Depożiti (F.22+F.29) (1), (2)

	Settur tad-debitur / Settur tal-kreditur			A	B	C
				Residenti		
				Total (S.1) (2)	IFM (3) (S.121+...+S.123)	Gvern ġenerali (S.13)
1	Total (S.1)					
2	Residenti	Total (S.1)				
3			S.11			
4			S.121+...+S.123			
5			S.124			
6			S.125+S.126+S.127			
7			S.128			
8			S.129			
9			S.13			
10			S.14 +S.15			
11	Mhux residenti	Total (S.2)				
12		Taż-żona tal-euro ħlief għal dawk domestiċi	Total (S.1)			
13			S.11			
14			S.121+...+S.123			
15			S.124			
16			S.125+S.126+S.127			
17			S.128			
18			S.129			
19			S.13			
20			S.14 +S.15			
21		Residenti barra miż-żona tal-euro				

(1) Ir-rekwiżiti ta' dejta għal stokks, transazzjonijiet u bidliet oħrajn fil-volum huma identiċi.

(2) Skont l-ESA 2010 (paragrafu 5.79), id-depożiti huma kuntratti li huma offruti minn korporazzjonijiet li jieħdu depożiti (i.e. S.121 u S.122) u, f'xi każijiet, mill-gvern ċentrali. Barra minn hekk, §5.86 jispeċifika li l-pagamenti ta' marġni ripagabbli u ftehim ta' xiri mill-ġdid għal perijodu qasir li huma passiv tal-IFM (i.e. S.121, S.122 u S.123) huma inklużi bħala depożiti.

(3) Istituzzjonijiet monetarji finanzjarji (IFM; S.121+S.122+S.123)

Tabella 4

Self għal perijodu qasir (F.41) (1)

	Settur tal-kreditur / Settur tad-debitur			A	B	C	D	E	F	G	H	H.1	I
				Residenti									
				Total	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)	IFM (2) (S.121+...+ S.123)	Mhux fondi ta' investiment (3) tal-MMF (S.124)	Istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn (S.125+...+ S.127)	Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128)	Fondi tal-pensjoni (S.129)	Gvern Ġenerali: Totali (S.13)	Gvern Ġenerali: Gvern ċentrali (S.1311)	Unitajiet domestiċi, inklużi NPISHs (4) (S.14+S.15)
1	Total (S.1)												
2	Residenti	Total (S.1)											
3			S.11										
4			S.121+...+S.123										
5			S.124										
6			S.125+...+S.127										
7			S.128										
8			S.129										
9			S.13										
10			S.14 +S.15										
11	Mhux residenti	Total (S.2)											
12		Taż-żona tal-euro ħlief għal dawk domestiċi	Total (S.1)										
13			S.11										
14			S.121+...+S.123										
15			S.124										
16			S.125+...+S.127										
17			S.128										
18			S.129										
19			S.13										
20			S.14 +S.15										
21		Residenti barra miż-żona tal-euro											

(1) Ir-rekwiżiti ta' dejta għal stokks, transazzjonijiet u bidliet oħrajn fil-volum huma identiċi.
(2) Istituzzjonijiet monetarji finanzjarji (IFM; S.121+S.122+S.123). Skont l-ESA 2010 (paragrafu 5.118), self għal perijodu qasir mogħtija lil korporazzjonijiet li jieħdu d-depożiti (S.121+S.122) għandhom jiġu kklassifikati bħala depożiti (F.22 jew F.29).
(3) Fondi tas-swieq tal-flus (MMF; S.123).
(4) Istituzzjonijiet li ma għandhomx l-għan li jagħmlu profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi (NPISHs; S.15).

Tabella 5

Self għal perijodu qasir (F.42) ([1])

	Settur tad-debitur / Settur tal-kreditur			A	B	C	D	E	F	G	H	H.1	I
				Residenti									
				Total	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)	IFM ([2]) (S.121+…+ S.123)	Mhux fondi ta' investiment ([3]) tal-MMF (S.124)	Istituzzjonijiet finanzjarji ohrajn (S.125+…+ S.127)	Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128)	Fondi tal-pensjoni (S.129)	Gvern Ġenerali: Totali (S.13)	Gvern Ġenerali: Gvern ċentrali (S.1311)	Unitajiet domestiċi, inklużi NPISHs ([4]) (S.14+S.15)
1	Total (S.1)												
2	Residenti		Total (S.1)										
3	Residenti		S.11										
4	Residenti		S.121+...+S.123										
5	Residenti		S.124										
6	Residenti		S.125+...+S.127										
7	Residenti		S.128										
8	Residenti		S.129										
9	Residenti		S.13										
10	Residenti		S.14 +S.15										
11	Mhux residenti	Total (S.2)											
12	Mhux residenti	Taż-żona tal-euro ħlief għal dawk domestiċi	Total (S.1)										
13	Mhux residenti	Taż-żona tal-euro ħlief għal dawk domestiċi	S.11										
14	Mhux residenti	Taż-żona tal-euro ħlief għal dawk domestiċi	S.121+...+S.123										
15	Mhux residenti	Taż-żona tal-euro ħlief għal dawk domestiċi	S.124										
16	Mhux residenti	Taż-żona tal-euro ħlief għal dawk domestiċi	S.125+...+S.127										
17	Mhux residenti	Taż-żona tal-euro ħlief għal dawk domestiċi	S.128										
18	Mhux residenti	Taż-żona tal-euro ħlief għal dawk domestiċi	S.129										
19	Mhux residenti	Taż-żona tal-euro ħlief għal dawk domestiċi	S.13										
20	Mhux residenti	Taż-żona tal-euro ħlief għal dawk domestiċi	S.14 +S.15										
21	Mhux residenti	Residenti barra miż-żona tal-euro											

([1]) Ir-rekwiżiti ta' dejta għal stokks, transazzjonijiet u bidliet oħrajn fil-volum huma identiċi.
([2]) Istituzzjonijiet monetarji finanzjarji (IFM; S.121+S.122+S.123)
([3]) Fondi tas-swieq tal-flus (MMF; S.123)
([4]) Istituzzjonijiet li ma għandhomx l-għan li jagħmlu profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi (NPISHs; S.15).

Tabella 6

Titoli ta' dejn fuq perjodu ta' żmien qasir (F.31) ([1])

	Settur tad-debitur \ Settur tal-kreditur	A	B	C	D	E	F	G	H	I
		Total	Residenti							
			Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)	IFM ([2]) (S.121+...+S.123)	Mhux fondi ta' investiment ([3]) tal-MMF (S.124)	Istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn (S.125+...+ S.127)	Korporazzjoni-jiet tal-assigu-razzjoni (S.128)	Fondi tal-pensjoni (S.129)	Gvern ġenerali (S.13)	Unitajiet domestiċi, inklużi NPISHs ([4]) (S.14+S.15)
1	Total (S.1)									
2	Residenti – Total (S.1)									
3	Residenti – S.11									
4	Residenti – S.121+...+S.123									
5	Residenti – S.124									
6	Residenti – S.125+...+S.127									
7	Residenti – S.128									
8	Residenti – S.129									
9	Residenti – S.13									
10	Residenti – S.14 +S.15									
11	Mhux residenti – Total (S.2)									
12	Mhux residenti – Taż-żona tal-euro ħlief għal dawk domestiċi – Total (S.1)									
13	Mhux residenti – Taż-żona tal-euro ħlief għal dawk domestiċi – S.11									
14	Mhux residenti – Taż-żona tal-euro ħlief għal dawk domestiċi – S.121+...+S.123									
15	Mhux residenti – Taż-żona tal-euro ħlief għal dawk domestiċi – S.124									
16	Mhux residenti – Taż-żona tal-euro ħlief għal dawk domestiċi – S.125+...+S.127									
17	Mhux residenti – Taż-żona tal-euro ħlief għal dawk domestiċi – S.128									
18	Mhux residenti – Taż-żona tal-euro ħlief għal dawk domestiċi – S.129									
19	Mhux residenti – Taż-żona tal-euro ħlief għal dawk domestiċi – S.13									
20	Mhux residenti – Taż-żona tal-euro ħlief għal dawk domestiċi – S.14 +S.15									
21	Mhux residenti – Residenti barra miż-żona tal-euro									

([1]) Ir-rekwiżiti ta' dejta għal stokks, transazzjonijiet u bidliet oħrajn fil-volum huma identiċi.
([2]) Istituzzjonijiet monetarji finanzjarji (IFM; S.121+S.122+S.123)
([3]) Fondi tas-swieq tal-flus (MMF; S.123)
([4]) Istituzzjonijiet li ma għandhomx l-għan li jagħmlu profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi (NPISHs; S.15).

Tabella 7

Titoli ta' dejn fuq perjodu ta' żmien qasir (F.32) (1)

	Settur tad-debitur / Settur tal-kreditur			A	B	C	D	E	F	G	H	I
				Residenti								
				Total	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)	IFM (2) (S.121+…+S.123)	Mhux fondi ta' investiment (3) tal-MMF (S.124)	Istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn (S.125+…+ S.127)	Korporazzjoni-jiet tal-assigu-razzjoni (S.128)	Fondi tal-pensjoni (S.129)	Gvern ġenerali (S.13)	Unitajiet domestiċi, inklużi NPISHs (4) (S.14+S.15)
1	Total (S.1)											
2	Residenti		Total (S.1)									
3			S.11									
4			S.121+...+S.123									
5			S.124									
6			S.125+...+S.127									
7			S.128									
8			S.129									
9			S.13									
10			S.14 +S.15									
11	Mhux residenti	Total (S.2)										
12		Taż-żona tal-euro ħlief għal dawk domes-tiċi	Total (S.1)									
13			S.11									
14			S.121+...+S.123									
15			S.124									
16			S.125+...+S.127									
17			S.128									
18			S.129									
19			S.13									
20			S.14 +S.15									
21		Residenti barra miż-żona tal-euro										

(1) Ir-rekwiżiti ta' dejta għal stokks, transazzjonijiet u bidliet oħrajn fil-volum huma identiċi.
(2) Istituzzjonijiet monetarji finanzjarji (IFM; S.121+S.122+S.123)
(3) Fondi tas-swieq tal-flus (MMF; S.123)
(4) Istituzzjonijiet li ma għandhomx l-għan li jagħmlu profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi (NPISHs; S.15).

Tabella 8

Ishma kkwotati (F.511) ([1])

	Settur tad-debitur / Settur tal-kreditur			A	B	C	D	E	F	G	H	I
					Residenti							
				Total	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)	IFM ([2]) (S.121+...+S.123)	Mhux fondi ta' investiment ([3]) tal-MMF (S.124)	Istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn (S.125+...+ S.127)	Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128)	Fondi tal-pensjoni (S.129)	Gvern ġenerali (S.13)	Unitajiet domestiċi, inklużi NPISHs ([4]) (S.14+S.15)
1	Total (S.1)											
2	Residenti		Total (S.1)									
3			S.11									
4			S.121+...+S.123									
5			S.124									
6			S.125+...+S.127									
7			S.128									
8			S.129									
9			S.13									
10			S.14 +S.15									
11	Mhux residenti	Total (S.2)										
12		Taż-żona tal-euro ħlief għal dawk domestiċi	Total (S.1)									
13			S.11									
14			S.121+...+S.123									
15			S.124									
16			S.125+...+S.127									
17			S.128									
18			S.129									
19			S.13									
20			S.14 +S.15									
21		Residenti barra miż-żona tal-euro										

([1]) Ir-rekwiżiti ta' dejta għal stokks, transazzjonijiet u bidliet oħrajn fil-volum huma identiċi.
([2]) Istituzzjonijiet monetarji finanzjarji (IFM; S.121+S.122+S.123)
([3]) Fondi tas-swieq tal-flus (MMF; S.123)
([4]) Istituzzjonijiet li ma għandhomx l-għan li jagħmlu profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi (NPISHs; S.15).

Tabella 9

Ishma jew unitajiet ta' fond ta' investiment (F.52) ([1])

	Settur tad-debitur / Settur tal-kreditur			A	B	C	D	E	F	G	H	I
				Residenti								
				Total	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)	IFM ([2]) (S.121+...+S.123)	Mhux fondi ta' investiment ([3]) tal-MMF (S.124)	Istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn (S.125+...+ S.127)	Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128)	Fondi tal-pensjoni (S.129)	Gvern ġenerali (S.13)	Unitajiet domestiċi, inklużi NPISHs ([4]) (S.14+S.15)
1	Total (S.1)											
2	Residenti		Total (S.1)									
3			S.11									
4			S.121+...+S.123									
5			S.124									
6			S.125+...+S.127									
7			S.128									
8			S.129									
9			S.13									
10			S.14 +S.15									
11	Mhux residenti	Total (S.2)										
12		Taż-żona tal-euro ħlief għal dawk domestiċi	Total (S.1)									
13			S.11									
14			S.121+...+S.123									
15			S.124									
16			S.125+...+S.127									
17			S.128									
18			S.129									
19			S.13									
20			S.14+S.15									
21		Residenti barra miż-żona tal-euro										

([1]) Ir-rekwiżiti ta' dejta għal stokks, transazzjonijiet u bidliet oħrajn fil-volum huma identiċi.
([2]) Istituzzjonijiet monetarji finanzjarji (IFM; S.121+S.122+S.123)
([3]) Fondi tas-swieq tal-flus (MMF; S.123)
([4]) Istituzzjonijiet li ma għandhomx l-għan li jagħmlu profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi (NPISHs; S.15).

ANNESS II

TRAŻMISSJONI TA' DEJTA LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊN) jużaw il-faċilità pprovduta mis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) li tiddependi fuq l-infrastruttura tal-informatika tas-SEBĊ għat-trażmissjoni elettronika ta' informazzjoni statistika meħtieġa mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE). L-iskambji ta' dejta fi ħdan is-SEBĊ għandhom ikunu bbażati fuq il-format magħruf bħala "Statistical Data and Metadata eXchange". Dan ir-rekwiżit ma jwaqqafx l-użu ta' xi mezzi oħra għat-trażmissjoni ta' informazzjoni statistika lill-BĊE bħala soluzzjoni sekondarja miftiehma.

Il-BĊN josservaw ir-rakkomandazzjonijiet elenkati hawn isfel sabiex jiżguraw li t-trażmissjoni ta' dejta taħdem b'mod sodisfaċenti:

(i) Kompletezza: Il-BĊN jirrapportaw is-series keys kollha meħtieġa. Jekk ma jiġu rrapportati ebda series keys jew series keys mhux elenkati, dan jitqies bħala rapportar inkomplet. Jekk xi osservazzjoni tkun nieqsa, l-omissjoni tiġi rreġistrata bl-użu tal-bandiera tal-istatus ta' osservazzjoni korrispondenti.

(ii) Identitajiet tal-kontabilità u konvenzjoni tas-sinjali tad-dejta: ir-regoli ta' validazzjoni għandhom jiġu implimentati mill-BĊN qabel ma d-dejta tintbagħat lill-BĊE.

Meta r-reviżjonijiet isiru biss għal subsett ta' series keys, ir-regoli ta' validazzjoni jiġu applikati għar-rapport sħiħ.

EUR-Lex (http://new.eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT